ĦARGA NUMRU 7 - SAJF 2016

NEWSPAPER POST



# NISĠET ARTNA

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MIS-SEGRETARJAT TAL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

5 IL-KONSERVAZZJONI TAS-SIĠAR TAT-TIN

7 PASS IMPORTANTI LEJN IĊ-ĊIMITERJU TAL-ANNIMALI

15 RIĊETTI BI FROTT TAL-ISTAĠUN

# IL-WERREJ


3 MESSAĠĠ
4 GĦAJNUNA LIS-SETTUR TAL-MAJJALI
5 KONSERVAZZJONI TAS-SIĠAR TAT-TIN
6 IL-KURA TAL-KLIEB
7 INTERVISTA MA' NEVISE BORG CALIGARI
8 IL-KWALITÀ FL-AGRIKOLTURA
9 [illegible]
10 [illegible]
11 IL-MOGĦŻA U N-NAGĦĠA MALTIJA
12 KALE
13 ŻMIEN IT-TUT
14 ROKNA GĦAT-TFAL
15 RIĊETTI
16 [illegible]
17 IS-SISTEMA L-ĠDIDA TA' PAGAMENTI
18 - 19 [illegible]
20 IT-TIĠIEĠ ISWED TA' MALTA
21 IL-MAGĦAR TAL-BUSKETT
22 [illegible]


# L-EDITORJAL

Għeżież Qarrejja,

Dħalna fi staġun ġdid, staġun sajfi. Kemm hawn min iħobbu u jistennieh! Staqsi lit-tfal tal-iskejjel u lill-għalliema! Bosta ġenituri japprezzaw ix-xogħol tal-għalliema iktar f'dan l-istaġun! Staqsi wkoll lid-dilettanti tal-festi li jkunu ilhom sena sħiħa jaħdmu sabiex ipaxxuna bl-armar, bin-nar u bil-mużika sabiħa tal-knejjes u fit-toroq. Insomma, is-sajf, min-naħa l-oħra huwa staġun kiefer ħafna għal dawk illi jkollhom xogħolhom barra. Fost dawn insibu lill-bdiewa minħabba t-temperaturi għoljin u n-nixfa.

Insomma... mitt bniedem, mitt fehma ngħidu. Is-sajf iġib miegħu wkoll varjeta` kbira ta' frott differenti bħal bettieħ, dulliegħ, ħawħ u tut, illi f'din l-edizzjoni ser issibu artiklu dwaru. U ladarba semmejna l-festi, festa sinonima mal-bdiewa u r-raħħala u l-poplu Malti hija l-festa tal-Imnarja li tiġi ċelebrata fit-28 u d-29 ta' Ġunju. Din il-festa, għandha għeruq antiki ferm iktar mill-Milied u ġejja mill-kelma Latina "Luminaria" li tfisser "mixegħla". Tiskanta, bħala poplu li nħobbu niċċelebraw, festa ta' żewġ Appostli – San Pietru u San Pawl – tajnieha bixra tradizzjonali wkoll.

Fil-jiem ta' din il-festa tradizzjonali nsibu varjetà kbira ta' frott u ħaxix, diversi bhejjem għall-wiri bħal baqar, nagħaġ, mogħoż, fniek, tjur, żwiemel, ħmir, u anke wirja tal-klieb. Insibu wkoll ikel tradizzjonali Malti, kif ukoll attivitajiet folkloristiċi, fosthom f'Lejlet il-Festa, meta jkun hemm diversi għanejja jpaxxu lin-nies tal-madwar. Insomma, din hija attività għall-familja kollha li wieħed żgur m' għandux jitlef, għaliex fil-ġonna sbieħ tal-Buskett nistgħu niċċelebraw il-kultura tagħna l-Maltin u ngawdu dak kollu li huwa Malti.

F'din l-edizzjoni ser issibu artikli ferm interessanti marbutin ma' dan l-istaġun, fosthom żewġ riċetti interessanti, artiklu dwar il-kura tal-klieb u l-qtates, informazzjoni rigward il-bajjiet fejn nistgħu nieħdu lill-klieb tagħna, ir-rokna tal-qwiel u l-idjomi u artikli oħrajn ta' interess.

Tislijiet

**Ramona Borg**


## NISĠET ARTNA

Pubblikazzjoni maħruġa mis-Segretarjat għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

**Taqsima Festi Rurali**

Ċentru ta' Riċerka u Żvilupp
L-Għammieri, Triq L-ngiered
Il-Marsa MRS 3303



Salini

**Ritratt Meħud minn**
Josef Agius

**Koordinatur**
James J. Piscopo

**Editur**
Ramona Borg

**Kontributuri**
Andrew Farrugia
Andrew Vella
Arnold Sciberras
Carmelo Briffa
Christopher Bonnici
Claire Cauchi
Dennis Sciberras
Emanuel Portelli
Jeffrey Sciberras
Malcolm Vassallo
Marco Dimech
Nevise Borg Caligari
Philip Aquilina
Philip Camilleri
Simone Galea

**Qari tal-provi**
Christopher Bonnici

**Disinn**
MAD Promotions

# VETTRINA TA' DAK LI TOFFRI L-AGRIKOLTURA



**RODERICK GALDES**
IS-SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

It-temperaturi bdew telgħin u s-sħana bdiet tieħu post dik iż-żiffa ħelwa tar-Rebbiegħa. Dan l-istaġun minn dejjem ikun wieħed qalil għal pajjiżna, u l-bdiewa tagħna se jħossuh aktar wara n-nixfa li kkaratterizzat ix-xhur u l-istaġuni li għaddew.

Pero` kollox fih is-sabiħ tiegħu; minkejja t-temperaturi, id-dwieli tagħna xorta jibdew iħaddru u dlonk jibda l-qtugħ tal-għeneb biex jibda t-tagħsir tal-inbid. Min-naħa l-oħra, is-sajjieda, lejn żmien Santa Marija dlonk jibdew jerħulha għal staġun ieħor ta' lampuki. Ikun x'ikun l-istaġun, l-art u l-baħar tagħna xorta jirnexxilhom jagħtuna l-frott u l-prodotti li nistennew bil-ħerqa minn sena għal oħra.

Fl-introduzzjoni ta' din il-ħarġa nixtieq niffoka fuq l-Imnarja, attività li s-Segretarjat tiegħi ilu jipprepara għaliha diversi xhur u li naf li se terġa' tkun ta' suċċess. Fuq l-Imnarja ilna nisimgħu ħafna minn mindu konna żgħar, pero` ftit huma dawk li jafu x'verament tfisser u toffri. Sfortunatament għamlet żmien fejn l-interess fiha beda jmajna, u kien għalhekk illi fost l-ewwel affarijiet li għamilna meta dħalna fil-Gvern tliet snin ilu, kien li nerġgħu inqajmuha fuq saqajha.

Illum nissogra ngħid li qabel wieħed jattendi u jara b'għajnejh dak li toffri l-attività ma japprezzax is-sabiħ kollu li toffri l-agrikoltura tagħna.

Ħaġa li nnutajt b'sodisfazzjon waqt li kont qed inżur din il-festa s-sena li għaddiet kienet li l-Imnarja tattira kull tip ta' nies, u ta' kull ġenerazzjoni. Barra li kien ta' pjaċir għalija niltaqa' mal-bdiewa u r-raħħala tagħna, ħadt gost nara familji żgħażagħ li ħadu din l-opportunità biex it-tfal tagħhom jiġu wiċċ imb'wiċċ ma' annimali bħal mogħoż, nagħaġ, baqar, żwiemel, tiġieġ u tjur oħra – annimali li llum il-ġurnata, fl-era li qed ngħixu fiha m'għadniex naraw ta' sikwit sakemm ma nżurux l-għelieqi u l-irziezet imxerrda fil-kampanja.

L-avvenimenti tal-Imnarja 2015 kienu suċċess li raw eluf ta' Maltin, Għawdxin u anke turisti jżuru din l-attività mimlija ħajja. Ma jonqosx illi din is-sena wkoll se tkun waħda li toffri diversi esebizzjonijiet ta' ħxejjex u frott, annimali, u tradizzjonijiet antiki. Dan mingħajr ma ninsa żewġ komponenti importanti li dejjem għamlu l-Imnarja dik li hi: l-għana u l-ikel tipikament Malti.

Inħares 'il quddiem biex niltaqa' magħkom kollha fl-Imnarja ta' din is-sena!

Roderick Galdes.

## NISĠET ARTNA ONLINE U B'DEHRA ĠDIDA

Il-feedback ferm pożittiv li qed nirċievu għal din il-pubblikazzjoni nformattiva wasslet biex inniedu Nisġet Artna fuq il-midja soċjali permezz tal-Facebook.

Din il-paġna (Facebook.com/Nisget Artna) se tkun qed ittella' l-artikli li jidhru fil-magażin b'mod elettroniku, aħbarijiet marbutin mas-settur, kif ukoll filmati relatati. B'hekk il-messaġġ qed jitwassal b'mod aktar interattiv.

Kif qed taraw f'idejkom, minn din il-ħarġa Nisġet Artna għandha wkoll dehra aktar ġdida b'layout aktar organizzat biex jitwassal aktar il-messaġġ tal-artikli, anke b'diversi grafiki u ritratti.

Nemmen li s-suċċess ta' din il-pubblikazzjoni hu bbażat fuq l-aspett li Nisġet Artna jibbilanċja bejn dawk li huma aħbarijiet fuq is-settur u l-artikli l-oħra ta' interess u ta' edukazzjoni.

Għaldaqstant nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lit-tim u l-kontributuri kollha, inkluż l-editur, il-qarrej tal-provi, u r-rappreżentanti tad-dipartimenti kollha li jaqgħu taħt is-Segretarjat Parlamentari tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.

Inwegħedkom li Nisġet Artna se jkompli jikber u jgħolli l-livell tiegħu b'mod kontinwu.

*James J. Piscopo, koordinatur ta' Nisġet Artna*



# KWART TA' MILJUN EWRO F'GĦAJNUNA LIS-SETTUR TAL-MAJJALI

Fl-aħħar ġimgħat il-Gvern qassam ftit inqas minn kwart ta' miljun ewro f'għajnuniet lil madwar 100 raħħal tal-majjal minħabba l-kriżi Ewropea.

Waqt konferenza tal-aħbarijiet f'wieħed mill-irziezet ewlenin li jrabbi l-majjali, is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes spjega li bħalissa dawn ir-raħħala mhumiex għaddejjin minn żmien faċli, hekk kif is-sanzjonijiet tar-Russja wasslu biex il-provvista tal-majjal fl-Ewropa hija ħafna akbar mid-domanda. B'konsegwenza ta' dan, il-produtturi tal-majjal fl-Ewropa qed jirċievu prezzijiet ferm baxxi għall-prodotti tagħhom.

Dan ix-xenarju kien diskuss diversi drabi fil-laqgħat tal-Kunsill tal-Ministri Ewropej tal-Agrikoltura. Is-Segretarju Parlamentari Galdes qal illi mill-bidu tal-laqgħat, huwa argumenta li għalkemm Malta ma kinitx milquta direttament, ir-raħħala Maltin ukoll kienu qed ibatu l-konsegwenzi tad-deċiżjoni tar-Russja.

Malta rnexxielha takkwista kważi 120,000 ewro f'għajnuniet, u l-gvern iddeċieda li jirdoppja din iċ-ċifra billi ħareġ 120,000 ewro oħra. B'hekk, is-somma globali ta' din l-għajnuna telgħet għal 239,150 ewro.

Ir-raħħala li applikaw għal din l-iskema kienu jammontaw għal 95, u kollha kienu eliġibbli. Bejn Jannar u Settembru tas-sena l-oħra, dawn ir-raħħala ħadu għall-qatla jew esportaw aktar minn 44,000 majjal.



# INAWGURAT IL-PROĠETT TAL-MENQA TA' MARSALFORN B'INVESTIMENT TA' €729,000

Gie inawgurat il-progett tal-Menqa ta' Marsalforn, b'investiment ta' madwar 729,000 ewro. Dan wara li saru xogħlijiet infrastrutturali biex jittejbu l-facilitajiet għas-sajjieda ta' dawn l-inħawi. Dan ix-xogħol sar ukoll biex is-sajjieda jkunu jistgħu joperaw b'mod aktar efficjenti u effettiv.

Ix-xogħol kien jikkonsisti fil-bini mill-gdid tal-ħajt tal-Menqa sabiex jipprovdi aktar protezzjoni għad-dgħajjes; ir-rikostruzzjoni ta' skali; il-konservazzjoni tal-binjiet eżistenti sabiex jinbidlu f'ufficini mgħammra b'żewġ kompjuters b'konnessjoni għall-internet;

imwieżen godda addattati għal dan is-settur; l-irrangar tal-moll kif ukoll il-provvista u l-installazzjoni ta' servizzi u t-tibdil tal-imradd eżistenti għal wieħed modern li huwa aktar efficjenti u sigur.

L-Onorevoli Roderick Galdes qal illi din l-inizjattiva hija parti mill-pjan holistiku tal-Gvern illi jtejjeb l-infrastruttura tas-sajjieda Maltin u Għawdxin. Dan il-pjan jinkludi l-progetti tal-Pixkerija l-gdida u diversi mollijiet kif ukoll skallijiet u infrastruttura oħra mxerrda ma' Malta u Għawdex.

# IMNIEDI PROĠETT TA' KONSERVAZZJONI TAS-SIĠAR TAT-TIN



Fl-aħħar t'April 2016 ġie mniedi proġett ħolistiku ta' konservazzjoni tas-siġar tat-tin, li jinkludi programm ta' riċerka, l-istabbiliment ta' inventarju ta' varjetajiet lokali, produzzjoni ta' siġar tat-tin permezz tal-metodi tekniċi in-vitro, u programm ta' edukazzjoni u informazzjoni.

F'konferenza tal-aħbarijiet, is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes ħabbar

## PROĊESS TA' REĠISTRAZZJONI TA' SIĠAR TAT-TIN BIEX ID-DIPARTIMENT GĦAS-SAĦĦA TAL-PJANTI JIBNI INVENTARJU TA' DAWN IS-SIĠAR.

Bl-għan li jerġa' jiddaħħal numru ta' siġar ta' tin bħala kompensazzjoni għat-telf ta' diversi siġar, is-Segretarju Parlamentari ħabbar ukoll illi fl-2017, wara dan il-proċess ta' reġistrazzjoni u l-evalwazzjoni tiegħu, se jitqassmu madwar 3,000 siġra wara għażla klonali tal-varjetajiet lokali ta' siġar tat-tin. Dawn it-tlitt elef siġra se jitqassmu mingħajr ħlas lill-produtturi li sofrew u rreġistraw telf ta' siġar tat-tin f'dawn l-aħħar ħames snin.

L-Onorevoli Galdes irrimarka li fl-aħħar snin id-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti beda jirċievi aktar rapporti ta' insetti li qed jattakkaw dawn is-siġar.

Hu ssokta jgħid li fi studju li sar fl-2013 ġew identifikati aktar minn 26 insett fuq din is-siġra, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Ġie stabbilit li 'bark beetle' li kien jattakka l-friegħi mejta tal-fikus, kien qed jinstab fuq is-siġar tat-tin, wisq probabbli minħabba dak li jissejjaħ il-Host-Plant Shift.

Ġeneralment dawn l-insetti jattakkaw siġar morda jew inkella siġar li jkunu qed imutu, pero' jidher li din l-ispeċi f'Malta qed toqtol ukoll siġar li huma pjuttost b'saħħithom. Is-Segretarju Parlamentari qal illi d-dipartiment aġixxa mill-ewwel u fost l-oħrajn beda stħarriġ sabiex jiġbor kemm jista' jkun informazzjoni fuq il-firxa ta' dawn il-pesti u l-ħsara kkawżata. Id-dipartiment għamel ukoll diversi spezzjonijiet fuq siġar infettati, ta pariri lill-bdiewa fuq miżuri ta' kontroll, u ħa azzjonijiet oħra skont l-Att tal-Kwarantina tal-Pjanti.

Il-proġett ta' konservazzjoni jinkludi wkoll programm ta' riċerka fuq il-bioloġija tas-siġra u l-parassiti li jattakkawha sabiex jiġu implimentati miżuri effettivi ta' kontroll. Dan se jwassal għall-iżvilupp ta' linji gwida għall-komunità ġenerali tal-biedja b'enfasi fuq il-varjetajiet lokali disponibbli f'Malta, kif ukoll għall-aħjar prattiċi agrikoli li għandhom jiġu addottati għall-konservazzjoni ta' dawn is-siġar.

Ir-riċerka se tkun ikkumplimentata b'kampanja intensiva ta' tagħrif sabiex tinħoloq aktar kuxjenza dwar il-pesti li jattakkaw is-siġra tat-tin u kif dawn għandhom jiġu kkontrollati.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Simone Galea, Assistent Prinċipal fi ħdan id-Dipartiment tas-Saħħa tal-Pjanti.*



# IL-KURA TAL-KLIEB FIS-SĦANA TAS-SAJF




Is-Sajf igib miegħu riskji partikolari għas-saħħa tal-kelb fosthom xemxati, parassiti u allergiji stagjonali u għalhekk wieħed għandu jieħu l-prekawzjonijiet kollha f'dan ir-rigward.

Il-kelb jista jieħu xemxata daqs il-bniedem. Għalhekk fil-ġranet sħan tas-sajf ma għandniex noħorgu l-kelb jimxi fit-tul u nagħzlu ħin filgħodu jew tard wara nofs in-nhar biex nieħdu l-kelb għal-mixja jew il-baħar. It-tarmak ikun jaħraq ħafna f'ċertu ħinijiet tal-ġurnata u għalhekk dan jaħraq ukoll għal kelb bħal ma hu għal bniedem mingħajr żarbun! It-tarmac jaħraq jikkawża uġiegħ u anki f'ċertu każi ħruq u tqaxxir tal-'paw'. Fejn il-baħar għandna nżommu l-kelb fid-dell u l-frisk kemm jista jkun. Jgħin ħafna jekk inxarrbu biċċa jew kamoxxa bl-ilma u nitfawha fuq il-kelb biex dan inżommuh frisk. Ftakar li kelb ma jogħroqx bħalna!

## GĦANDNA NIPROVDU L-KELB TAGĦNA B'ILMA FRISK

u jekk ser inkunu barra fit-tul nieħdu flixkun u 'bowl' zgħira magħna biex noffru l-kelb l-ilma minn ħin għal ħin. B'hekk nevitaw li l-kelb jiġi 'dehydrated'.

Inkonvenjent tas-sajf huma l-parassiti bħal qurdien, brieghed u 'sand fly'. Dawn huma fl-aqwa tagħhom matul ix-xhur tas-sajf. Wieħed għandu juza xi tip ta' protezzjoni bħal kullari, 'drops' sprejs, shampoos, etc. Il-prevenzjoni dejjem aħjar mill-kura u għalhekk bi trattamenti regolari nistaw nevitaw infestazzjoni ta' parassiti. Marda li jibizgħu ħafna minnha s-sidien tal-klieb hija l-Leishmaniasis. Din il-marda hija endemika f'Malta bħal f'bosta pajjiżi oħra fil-Mediterran u jekk din il-marda ma tiġiex dijanjostikata kmieni u ma tingħatax kura tista tkun fatali u twassal għal mewt tal-kelb. Nixtieq inserraħ moħħ kulħadd li din il-marda ma tiġiex trasmessa lil bniedem jew klieb oħra minn kelb infettat.

Din il-marda tiġi trasmessa biss jekk in-nemusa (sand fly) tniges lil bniedem jew lil-kelb.

## L-GĦAWM TAL-KLIEB FIL-BAJJIET

Issa li riesaq is-Sajf u t-temp jibda jisħon wieħed jieħu pjaċir imur sal-baħar forsi anki jieħu l-kelb tiegħu miegħu. L-għawn għandu ħafna benefiċċji anki għal klieb. Importanti li wieħed jieħu l-prekawzjonijiet kollha biex il-klieb tagħna ikunu 'safe' filwaqt li dejjem inkunu konformi mal-liġijiet ikkonċernati u ma nkunux ta' inkonvenjent għal għawwiema l-oħra.

Is-Segretarjat għall-Biedja u s-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali ħadem u alloka għaxar (10) bajjiet f'Malta u f'Għawdex fejn wieħed jista jieħu l-kelb tiegħu jgħum. Fost dawn il-bajjiet hemm:

1. **MARSAXLOKK** (faccata Xatt is-Sajjieda)
2. **WIED IL-GHAJN** (IL-PONTA TA' ZONQOR)
3. **KALKARA** (IL-BAJJA TAR-RINELLA)
4. **TAS-SLIEMA** (FEJN IL-FORTINA)
5. **BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ** (WARA L-SPLASH & FUN)
6. **SELMUN** (IL-BAJJA TAL-IMGIEBAH)
7. **MELLIEHA** (IT-TORRI L-ABJAD)
8. **MELLIEHA** (L-AHRAX)
9. **GHAWDEX** (IL-KOSTA VICIN IL-BAJJA TAX-XWIENI)
10. **GHAWDEX** (MARSALFORN)

F'dawn il-bajjiet twaħħlu tabelli biex juru li l-bajja hi 'dog friendly'. Madankollu wieħed għandu jkun infurmat dwar l-obbligazzjonijiet u r-regolamenti meta dan jieħu l-kelb tiegħu jgħum. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li għalkemm bajja hi 'dog friendly' din xorta hi bajja pubblika u għalhekk il-klieb għandhom jinżammu biċ-ċinga meta mhux fil-baħar. Sid il-kelb għandu jġorr borża miegħu il-ħin kollu biex jekk il-kelb tiegħu jħammeġ, dan jiġbru minnufih biex inżommu l-iġene fil-bajja kemm jista jkun. Sid il-kelb huwa, wkoll responsabbli għal aġir tal-kelb tiegħu f'kull ħin u s-sidien li ma josservawx il-liġi jiġu mmultati. Il-multi jvarjaw minn Eur223- sa Eur4660-.

Ta' min wieħed jikkonsidra biex lill-kelb tiegħu jlibbsu 'life jacket'. Għalkemm hawn klieb li jafu jgħumu tajjeb ħafna 'life jacket' hi prekawzjoni li tgħin il-kelb f'każ ta' bżonn bħal per eżempju jekk il-kelb għeja jgħum, il-baħar xi ftit imqalleb, jekk il-kelb jaqbdu xi bugħawwieġ jew stroke, bela' xi ilma, etc. barra li l-'life jacket' toffri lil kelb protezzjoni mix-xemx.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Dennis Sciberras koordinatur fi ħdan id-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali*

## PASS IMPORTANTI LEJN IĊ-ĊIMITERJU TAL-ANNIMALI

Is-Segretarjat Parlamentari għad-drittijiet tal-annimali b'sodisfazzjon iħabbar li wara proċess ta' tender, ġie individwat b'suċċess l-operatur tal-ewwel ċimiterju tal-annimali f'Malta.

Dan il-proġett, li kien parti mill-programm elettorali ta' dan il-gvern, kien ferm mistenni minn dawk kollha li għandhom xi annimal domestiku. Fil-preżent, ma teżisti l-ebda faċilità adegwata u dinjituża li biha wieħed jista jiddisponi mill-annimal domestiku tiegħu.

"Ilkoll nafu l-ġibda li jkun hemm bejn kelb jew qattus u sidu meta dawn jgħixu taħt l-istess saqaf għal numru ta' snin. L-għan tagħna hu li dejjem nuru rispett lejn id-drittijiet tagħhom meta l-annimali jkunu ħajjin, imma issa nistgħu ntuhom id-dinjità li tixirqilhom f'mewthom ukoll," qal is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes fl-ewwel reazzjoni tiegħu.

Iċ-ċimiterju ħa jsir fuq tomna art f'Ta' Qali limiti ta' Ħ'Attard, fl-inħawi magħrufa bħala 'ta' San Ġakbu'. Hu se jkun pass biss 'l bogħod miċ-Ċentru San Franġisk u minn fejn jarma s-Suq tal-Bdiewa. Biex il-gvern jadegwixxi mal-istandards Ewropej mhux se jkun permess dfin tal-annimali f'dan iċ-ċimiterju minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika. Minflok, il-fdalijiet tal-annimal se jiġi nċinerat u l-fdalijiet tiegħu jistgħu jitqiegħdu f'waħda mill-urni li se jkun hemm. Il-pubbliku se jkollu wkoll l-għażla li, minflok, jieħu l-irmied tal-annimal f'vażett apposta miegħu lura d-dar.

L-operatur il-ġdid issa għandu sena żmien biex jibni u jlesti dan il-proġett.




Ftit tal-ġimgħat ilu kelli l-opportunità li nintervista lill-Onorevoli Roderick Galdes fil-programm tiegħi "Pink Panther". L-idea wara din l-intervista nibtet wara numru ta' mistoqsijiet li jagħmlu diversi telespettaturi rigward il-ħarsien l-liġijiet dwar iż-żamma u l-kura tal-annimali.

L-istedina ntlaqgħet mill-ewwel u ngħatajt aċċess għal kull fejn xtaqt illi jkollna filmat u li mmorru naraw b'għajnejna stess.

Laqatni ħafna l-aġġornament illi ngħatajt fuq l-Isptar San Franġisk, il-problemi li nstabu fih u l-pjanijiet għall-futur. Ninsab ħerqana ħafna sabiex nara dan l-isptar jinfetaħ għax nemmen illi se jkun avvanz kbir għall-kura tal-annimali tagħna, kif ukoll għall-annimali li jkunu abbandunati u li jkollhom bżonn xi kura.

Apprezzajt illi ġejt infurmata li issa hemm ukoll veterinarju li qiegħed jara hu lill-annimal ferut jew imweġġa' li jinġabar mit-triq. Irid jitneħħa kull dubju dwar jekk annimal jingħatax kura jew le, għaliex id-deċiżjoni qiegħda tittieħed mill-veterinarju nnifsu.

Fil-viżta tagħna fl-"Animal Welfare" innutajt l-avvanz kbir illi sar fis-sezzjoni tal-qtates. Għandhom kumdità, indafa u sodod b'abbundanza. Fis-sezzjoni tal-klieb xtaqt kieku kellhom "bedding" disponibbli. Indafa u ikel għandhom... iżda sodod ma rajniex.

Għall-futur hemm pjanijiet sabiex inkun nista' nuri iktar lit-telespettaturi x-xogħol illi qed isir fid-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Annimali.

# IL-KWALITÀ FL-AGRIKOLTURA

Il-bdiewa u r-raħħala tagħna, bħall-bdiewa fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, huma obbligati li jimxu ma` regoli li jirregolaw kull aspett tal-produzzjoni, sistema li tibda mit-tkabbir tax-xitel sal-ħsad, u mit-twelid tal-annimal sal-prodott finali. L-istandards li jilħqu l-prodotti agrikoli Maltin, huma fost l-ogħla li wieħed jista' jsib.

Dan minħabba li l-bdiewa Maltin jimxu ma` regoli li huma fost l-aktar stretti u li jassiguraw li l-produzzjoni tal-prodott mhux biss tkun tajba għas-saħħa, imma wkoll li tkun qiegħda tiġi prodotta b'użu ta` metodi li l-impatt tagħhom fuq l-ambjent huwa minimu.

Iżda, għalkemm l-istandards ta` produzzjoni huma għoljin, hemm bdiewa u raħħala li jagħmlu sforzi akbar sabiex jilħqu standards ogħla minn dawk illi tistabbilixxi l-liġi, u dan sabiex jilħqu kwalita` superjuri mill-prodotti li nsibu fis-suq. Meta bidwi jew raħħal ikun irid jibda jipproduċi prodotti ta' kwalita` superjuri, dan jagħmlu billi jagħżel illi jiċċertifika l-produzzjoni tiegħu bħala waħda ta' kwalita`.

Bidwi jew raħħal jista' jagħżel illi jiċċertifika l-produzzjoni tiegħu billi jissieħeb fi skema ta` kwalita`. Id-Direttorat tal-Agrikoltura jamministra tliet skemi: dik tal-Biedja Organika, dik tal-Inbejjed tal-Kwalita` u l-Marka ta` Kwalita` Nazzjonali "Prodotti ta` Kwalità".

## IT-TLIET SKEMI HUMA DIFFERENTI GĦAX L-ISKEMI JIĊĊERTIFIKAW PARAMETRI KWALITATTIVI DIFFERENTI

1 L-iskema tal-Biedja Organika tiċċertifika li l-prodotti jilħqu parametri ta` kwalita` differenti. Il-biedja organika tiċċertifika li prodott huwa mkabbar mingħajr użu ta` prodotti li huma sintetizzati minn produzzjoni kimika. Dan ifisser illi prodotti li huma kkultivati b'mod organiku ma jkunux tkabbru b'użu ta' fertilizzanti artifiċjali u lanqas b'użu ta' pestiċidi kimiċi fost affarijiet oħra.

2 L-iskema tal-Inbejjed ta` Kwalita` hija skema Ewropea li tiċċertifika li l-inbid għadda minn sensiela ta` testijiet kimiċi. Inbejjed iċċertifikati IGT (Indikazjoni Ġeografika Tipika) huma ttestjati b'parametri kimiċi u dawk DOK (Denominazzjoni tal-Oriġini Kkontrollata) huma ttestjati b'parametri kimiċi kif ukoll organolettiċi. L-inbejjed li jgħaddu minn dawn il-kontrolli biss ikunu jistgħu jiġu identifikati mill-inbejjed l-oħrajn permezz ta' "banderole" li titwaħħal fuq il-flixkun tal-inbid.

3 Skema oħra ta' kwalita` hija dik nazzjonali tal-"Prodotti ta` Kwalita`". Din l-iskema tistabbilixxi standards aktar għoljin minn dawk illi huma diġa` stabbiliti mil-liġi. Dan isir billi l-bidwi jew raħħal jibda juża anqas prodotti kimiċi, juża prodotti ta` kwalita` ogħla sabiex jipproduċi l-prodott finali, kif ukoll jaddotta prattiċi sabiex jassigura traċċabilita` u aktar kontroll fuq dak li qiegħed jipproduċi.

Fil-ħarġa li jmiss, inkomplu nitkellmu fuq l-aspetti ta` kontroll illi jiggarantixxu l-kwalita` fil-prodotti agrikoli u kif nistgħu nagħmlu sabiex nagħrfu li l-prodotti huma effettivament ta` kwalita` superjuri.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Marco Dimech, Manager Quality Policy section fi ħdan id-direttorat tal-Agrikoltura*

# TITJIB U TISBIEĦ GĦAL PITKALIJA F'TA' QALI

Għal numru kbir ta' bdiewa, il-Pitkalija hija l-għan tal-proċess li bih il-bdiewa jaqilgħu l-għajxien tagħhom wara li jkunu kabbru l-prodott agrikolu fl-għelieqi tagħhom. Dan il-prodott li jiddaħħal mingħand il-bdiewa jiġi irkantat minn sittax-il pitkal indipendenti kif ukoll mill-Koperattiva tal-Bdiewa sabiex jinġieb l-aħjar prezz, jinxtara mingħand ix-xerrejja, u fl-istadju finali l-prodott jasal għand il-konsumatur.

Wara snin ta' abbandun, fl-aħħar tliet snin bdiet il-ħidma sabiex il-Pitkalija taġġorna maż-żminijiet, u saru diversi laqgħat mal-"istakeholders" u nies professjonali minn diversi oqsma sabiex isir tisbiħ kif ukoll titjib fil-Pitkalija. Għal dan il-għan ġew allokati fondi fuq medda ta' tliet snin sabiex il-faċilità fejn joperaw l-"istakeholders" tal-Pitkalija tiġi attrezzata sabiex il-prodott agrikolu Malti jiġi maħżun sew bl-aqwa standards.

Dan it-titjib u tisbiħ fil-Pitkalija se jinqasam fi tliet fażijiet fejn fl-ewwel fażi se jiġu rranġati t-tined minfejn joperaw il-Pitkala. Dan jinvolvi strutturar ġdid tas-soqfa, "loading bays" kif ukoll tagħmir b'dawl li ma jniġġiżx l-ambjent.

Wieħed jista' jgħid illi b'dan il-proġett il-Pitkalija se tieħu nifs ġdid, fejn il-prodott Malti jkun jista' jieħu l-importanza li jixraqlu sabiex ikun jista' jikkompeti aktar mas-settur agrikolu Ewropew.

Sar ukoll investiment sostanzjali f'sistema tat-Teknoloġija tal-Informatika li tiffoka fuq il-marka ta' kwalità. Permezz ta' dan l-investiment fuq il-"Marketing Standards", il-konsumatur se jkun jista' jara l-oriġini tal-prodott kif ukoll f'liema naħa ġeografika ta' Malta tkabbar dak il-prodott. Permezz tal-"Marketing Standards", il-bdiewa se jkunu jistgħu jippreżentaw fis-suq prodott ta' kwalità għolja li jġib prezz aħjar.

Minkejja ċ-ċokon ta' Malta, huwa stat ta' fatt illi l-prodott Malti huwa ġenwin u frisk, ta' kwalità għolja u tjubija liema bħalha. Il-klima ta' Malta hija ideali għall-agrikoltura, u dan joħroġ sew fil-benna u l-palat ta' kull tip ta' frott u ħaxix. Il-miri ta' dan il-proġett huma li jkun hemm sostenibbiltà f'kull parti tal-proċess mill-għalqa fejn jinħasad ix-xogħol sal-mejda tal-ikel fejn







*Ritratti Michael Cassar*

il-prodott jiġi kkunsmat.

Fl-aħħar mill-aħħar, dan it-tisbiħ qed isir sabiex l-agrikoltura Maltija tingħata l-importanza li jixirqilha u tevolvi maż-żminijiet sabiex tħares il-patrimonju Malti għal settur ta' importanza kbira li ġejja minn żmien il-qedem u li tant huwa mfittex.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Andrew Vella Senior Manager Pitkalija*

INAWGURAT

# ĠNIEN IL-PJANTI MALTIN



## Proġett ta' 2.6 miljun ewro li jgħin fil-konservazzjoni ta' pjanti lokali li jinsabu f'riskju li jintilfu

Ġie inawgurat 'Ġnien il-Pjanti Maltin' u l-proġett ta' studju u konservazzjoni ta' varjetajiet tal-pjanti lokali mis-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes.



Dan il-proġett ta' 2.6 miljun ewro - ko-finanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali – jinkorpora wkoll fih ċentru tal-viżitaturi u laboratorju ġdid għall-ittestjar taż-żrieragħ fiċ-Ċentru tal-Bijoteknoloġija tal-Pjanti, f'Ħ'Attard.

Fil-messaġġ tiegħu l-Onorevoli Galdes spjega kif il-proġett jiffoka fuq għadd ta' razez u dak li jissejħu 'qraba naturali', kemm ta' pjanti kkultivati kif ukoll ta' speċi selvaġġi indiġeni li jinsabu mhedda u f'riskju li jintilfu.



Dan il-ġnien se jiftaħ il-bibien tiegħu għall-pubbliku aktar tard din is-sena, u hu mfassal f'ħames oqsma li jirrappreżentaw pajsaġġi differenti tal-ambjent rurali Malti:

L-ewwel taqsima fiha għażla ta' pjanti tipiċi tal-isteppa u art iddisturbata, li tħaddan l-aktar il-ħaxix erbaċew bħal pjanti bil-basal u t-tuberi, bosta speċi ta' xewk, legumi, kruċiferi u umbelliferi li jwarrdu fir-rebbiegħa.

It-tieni taqsima tħaddan varjetà ta' arbuxelli ta' daqs baxx u medju, karatteristiċi tal-ambjent tal-art xagħri.

It-tielet taqsima tiffoka fuq bosta arbuxelli għolja u siġar żgħar, li lokalment jiffurmaw il-ħabitat tal-makkja.

Ir-raba' taqsima hi ddedikata għal eżempji ta' siġar li fin-natura joħolqu l-boskijiet.

U l-aħħar taqsima hi kkultivata bi pjanti assoċjati mal-biedja u ħxejjex agrikoli.

## LABORATORJI ĠODDA U ĊENTRU TAL-VIŻITATURI

Parti oħra importanti minn dan il-proġett hu l-bini u tagħmir ta' laboratorju taż-żerriegħa biex jittestja l-purità taż-żerriegħa. Il-proġett itejjeb ukoll laboratorji oħra diġà eżistenti li jistudjaw il-batterji, viruses, l-insetti, dud, il-fungi u l-mofof tal-pjanti. Dawn il-laboratorji jgħinu biex jiġu individwati mard u pesti li jagħmlu ħsara lill-pjanti lokali.

Il-proġett jinkorpora wkoll ċentru tal-viżitaturi fi ħdan l-istess ġnien. Dan se jkollu diversi faċilitajiet edukattivi fosthom media room bl-aħħar teknoloġija u sala tal-konferenzi.

Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes temm jgħid li b'dawn il-faċilitajiet, il-proġett se jattira diversi żjarat ta' studenti ta' kull età u b'hekk ikompli jitkattar aktar għarfien fuq il-pjanti Maltin.

Razez Domestiċi Maltin

# IL-MOGĦŻA U N-NAGĦĠA MALTIJA

BĦAL KULL RAZZA TA' ANNIMAL DOMESTIKU, IL-MOGĦŻA MALTIJA GĦANDHA ORIĠINI BARRA MINN XTUTNA, IMMA GĦAL XI PERJODU TAŻ-ŻMIEN SEW ĠIET IMKABBRA F'MALTA.

Ir-razza oriġinat fl-inħawi bejn l-Asja u l-Ewropa. Minkejja li hemm probabbiltà li l-karatteristiċi ta' din ir-razza żviluppaw f'Malta, din ir-razza ġiet imkattra u żviluppata ferm iktar f'Sardinja u fi Sqallija. Fit-tempji ta' Ħal Tarxien, hemm graffiti ta mogħża, li turi kemm ilu jeżisti l-mogħoż fil-gżejjer Maltin. Din ir-razza tinstab ukoll fil-Greċja, it-Turkija u l-Magħreb. Li ma kienx għal dan il-fatt, kieku r-razza Maltija kienet tinqered għalkollox, għax il-popolazzjoni lokali kważi nqerdet minħabba d-deni rqiq. Id-deni rqiq ġie kkawżat mill-Brucellosis (Brucella melitensis) fil-ħalib tal-mogħoż, skopert minn Sir Temi Zammit fis-sena 1908. Il-gvern ta' dak iż-żmien ħeġġeġ lir-raħħala lokali biex ikabbru l-baqar tal-Friesian sabiex inaqqsu l-użu tal-mogħoż. Fis-sena 1939 kien stmat li kien hawn bejn 40,000 sa 100,000 mogħża f'Malta. Illum il-ġurnata l-popolazzjoni lokali tal-mogħża Maltija, li ftit fadal minnha, m'għadhiex mija fil mija pura. Razza kummerċjali li titkabbar hawn Malta hija s-Sirjana, li hija ta' lewn kannella.

Il-mogħża Maltija hija razza mdaqqsa bħala kobor. Għandha pil abjad twil ma' ġisimha kollu għajr għal rasha. Il-maskla ta' wiċċha tinkludi faxx abjad fin-nofs filwaqt illi mal-ġnub tal-wiċċ għandha faxxi suwed, li jinkludu l-widnejn ukoll. Il-widnejn huma twal u mdendlin, iħarsu kemxejn 'il fuq fit tarf. Din ir-razza m'għandhiex qrun.

Fl-Italja, din ir-razza hija kkunsidrata bħala waħda minn tmien razez awtonomi tal-pajjiż, u l-popolazzjonijiet ta' din ir-razza fl-Italja jiġu rrekordjati fil-"herdbooks" tal-"Associazione Nazionale della Pastorizia".

**L-UŻU TA' DIN R-RAZZA F'MALTA KIEN PRINĊIPARJAMENT GĦALL-ĦALIB, U GĦALL-ĠBEJNIET, GĦALKEMM IL-ĦALIB TAN-NAGĦAĠ HUWA AĦJAR GĦALL-ĠBEJNIET.**

Fl-Italja ssir l-irkotta u ġobon tradizzjonali bħal Padduni, li għandu statut PAT u Formaggiu

ri crapa.

Biex din ir-razza f'Malta tkun salvata, huwa meħtieġ illi jkun hemm re-introduzzjoni ta' mogħoż ta' din ir-razza mill-Italja. Dan jista' jseħħ permezz ta fondi mill-proġetti "Leader" u "Life", illi għinu pajjiżi oħra fuq proġetti simili fil-passat. Il-vantaġġ ta' dan huwa li jsaħħaħ il-biodiversità agrikola lokali u tinħoloq kuxjenza fil-pubbliku dwar il-benefiċċji li jitkattru dawn ir-razez, fosthom il-potenzjal tal-agrituriżmu.

Hemm tagħrif ukoll illi teżisti n-nagħġa Maltija. Din kienet komuni sa żmien is-sittinijiet, iżda dejjem baqgħet tonqos, u llum jekk fadal, huma waħdiet ġo merħliet ta' nagħaġ ta razez oħra. In-nagħġa Maltija kienet deskritta bħala nagħġa kbira u b'saħħitha b'suf oħxon u tawwali. Tant kienet folta li fuq is-sinsla tad-dar kien kważi mikxuf u bil-ferq. Kellha rasha twila, tispiċċa f'għamla ta' V, u kellha denb twil ħafna u oħxon, u jibqa' sejjer taħt ix-xiklejn, jiġifieri l-irkoppa tas-sieq tal-annimal ta' wara. Il-kulur kien ivarja, pero` l-popolazzjoni Għawdxija kienet aktar konsistenti għax kont issibhom b'rashom sewda. Li fadal l-Għammieri huma dixxendendi ta' din ir-razza, imma lejn l-aħħar tad-disgħinijiet, din ir-razza tħalltet ma' razza Taljana, magħrufa bħala Comisana għall-effiċjenzja tal-produzzjoni tal-ħalib. Il-Comisama hija razza Taljana li oriġinat min-nagħaġ Malti u dak Sqalli tal-aħħar tas-Seklu 19. Huwa xieraq li permezz ta' selezzjoni artifiċjali, inġibu kemm jista' jkun ir-razza Maltija lura.

*Għal aktar informazzjoni nħeġġiġkom iżżuru https://www.facebook.com/Columbatopia.*

*Ħajr lil Edward Attard u lil Jeanette Borg tal-informazzjoni li għaddewlna fuq dawn ir-razez, u lil Ian Falzon tar ritratti.*

*Dan l-artiklu nkiteb minn Arnold u Jeffrey Sciberras, riċerkaturi fuq il-Biodiversità.*



*Il-bodbod Malti*



*Nagħġa ta' dixxendenza Maltija*



PRODOTT "ĠDID" GĦALL-KĊINA MALTIJA

# KALE

Il-famuża Kale ilha teżisti sa minn żmien ir-Rumani. Fl-Ewropa ilha għal żmien twil tittiekel bħala parti mid-dieta Mediterranja, iżda f'pajjiżna daħlet iktar komuni fis-suq lokali f'dawn l-aħħar sentejn. Dan it-tip ta' ħaxix jiġi mill-familja tal-kaboċċi, "brussel sprouts", brokkoli, pastard u hija rikka ħafna fil-vitamini u l-minerali. Hija wkoll reżistenti għall-kesħa u l-mard, iżda jkun aħjar li fl-għalqa titgħatta bix-xibka minħabba t-tnaqqir tal-għasafar.

Illum il-ġurnata hawn diversi varjetajiet ta' Kale, fosthom dik ċatta, innuklata u anke ta' lewn vjola jew blu` fl-aħdar. It-togħma tagħha tvarja ħafna, kemm skont l-istaġun kif ukoll kull varjetà għandha togħma partikolari li tiddistingwiha minn oħrajn. Fis-suq lokali sirna nsibu diversi varjetajiet u jekk għandek xi ġardina jew xi ftit qsari mdaqqsin, din tista' wkoll faċilment titkabbar ġod-dar. Meta tmur biex tixtri dejjem fittex il-weraq l-iktar skur u iebes, u meta tiġi biex issajjarha, ara li tissepara l-weraq minn maz-zokk, għaliex iz-zokk huwa xieref u morr ħafna.

## BENEFIĊĊJI TAL-KALE

Il-Kale hija meqjusa bħala "superfood" u hija fost l-iktar ħaxix tajjeb għas-saħħa u mimli b'nutrijenti bżonjużi għall-ġisem. Apparti dan, fiha propjetajiet mediċinali li huma saħansitra appoġġjati mix-xjenza. Tazza waħda ta' Kale fiha 33 kalorija, sitt grammi karboidrati, tliet grammi proteini u tipprovdi dawn il-vitamini.

**VITAMINA A**
206% tal-RDA
(minn beta-karotene)

**VITAMINA K**
684% tal-RDA

**VITAMINA Ċ**
134% tal-RDA

**VITAMINA B6**
9% tal-RDA

**MANGANIŻ**
26% tal-RDA

**KALĊJU**
9% tal-RDA

**POTASSJU**
9% tal-RDA

**MANJESJU**
6% tal-RDA

**VITAMINA B1** (Thiamin)

**VITAMINA B2** (Riboflavina)

**VITAMINA B3** (Niacin)

**ĦADID U FOSFRU**

Bħal kull weraq aħdar skur, il-kale hija mimlija b'antiossidanti qawwija bħal:

**"Quercetin" u "Kaempferol"**

L- Antiossidanti huma sustanzi li jgħinu lill-ġisem jiġġieled il-ħsara li jsofri minn kimiċi li nibilgħu kemm mill-ikel kif ukoll mill-arja. Dawn il-kimiċi qed ikunu l-kaġun ta' ħafna mard inkluż il-kanċer, iżda minn testijiet u studji li saru nstab li l-antiossidanti f'dan il-ħaxix għandhom propjetajiet anti-infjammatorji, anti-virali, anti-dipressanti, ibaxxu l-pressjoni għolja kif ukoll ħafna effetti kontra l-kanċer. Il-kanċer hija marda terribbli, ikkaratterizzata minn tkabbir mhux ikkontrollat ta' ċelloli. Il-Kale hija mimlija b'komposti li huma maħsuba li għandhom effetti protettivi kontra l-kanċer. Dawn jinkludu "sulforaphane", sustanza li wriet li tgħin fil-ġlieda tal-formazzjoni ta' kanċer fil-livell molekulari. Studji wrew li l-ħxejjex kruċiferi (inklużi kale) jistgħu jbaxxu b'mod sinifikanti r-riskju ta' diversi tipi ta' kanċer, u għalkemm għad hemm riċerka intensiva għaddejja, studji li diġà saru fuq l-annimali diġà wrew dan ir-riżultat.

Il-Kale hija sors eċċellenti ta' Vitamina Ċ, saħansitra kważi fiha ħames darbiet iktar mill-ispinaċi, u tazza minnha fiha iktar minn laringa mill-kbar. Hija wkoll ta' għajnuna kbira għal min ibati bil-kolesterol u tnaqqas anke r-riskju tal-mard tal-qalb. Sors ieħor eċċellenti fil-kale huwa l-Vitamina K. Din il-vitamina għandha l-funzjoni li tgħaqqad id-demm, allura min jieħu l-"Warferin", importanti li miegħu jdaħħal fid-dieta dan it-tip ta' ħaxix, għaliex il-"warferin" timpedixxi l-ġisem milli jassorbi din it-tip ta' vitamina. Insibu wkoll il-"folate" li hija vitamina li tgħin biex jiżviluppa l-moħħ.

Dan il-ħaxix fih ukoll il-"Beta-karotene" li huwa antiossidant ieħor ta' benefiċċju għall-ġisem. Fih insibu wkoll ammont sostanzjali ta' manjesju, potassju, żinc u kalċju li sfortunatament huma neqsin ħafna fid-dieta moderna. Diversi studji wrew ukoll illi konsum ta' Kale fid-dieta tgħin għat-tnaqqis mill-piż. Dan għaliex fiha ħafna fibra, proteini u ilma li jgħinuna nħossuna iktar mimlijin.

Hija sempliċi ħafna li wieħed jinkludi dan il-ħaxix fid-dieta ta' kuljum, fosthom bil-modi li se nsemmi hawn taħt:

Tista' tittiekel bħala "snack" jew mal-insalata b'xi ftit żejt taż-żebbuġa. Ħafna nies iżiduha wkoll mal-"ismoothie" sabiex jingħata spinta fil-valur nutrittiv.

Mod ieħor huwa li tqattagħha f'biċċiet żgħar, tħawwadha ma' ftit żejt taż-żebbuġa, naqra bżar u melħ u taħmiha l-forn.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Claire Cauchi, Uffiċjal Agrikolu Anzjan fi ħdan id-Direttorat għall-Kompetizzjoni u d-Diversifikazzjoni.*



*Kale*

# ŻMIEN IT-TUT



Frotta mfittxija u apprezzata ħafna li nsibu fil-bidu tas-sajf hija t-tuta. Din il-frotta ftit narawha fis-suq u naqset minħabba li ħafna siġar mardu u mietu, u minħabba l-paċenzja u l-ħila li wieħed irid ikollu biex jaqta' l-frott. Xhieda ta' kemm fil-passat din is-siġra kienet iżjed komuni, huma l-għadd kbir ta' postijiet li jġibu isimha, ġeneralment qrib nixxiegħat tal-ilma. F'Għawdex għandna l-isem Għajn Tuta li nsibuh f'Kerċem, ix-Xlendi ħdejn Għajn il-Kbira, u f'Malta nsibu l-Mellieħa. Fiż-Żebbuġ Għawdex insibu Għajn Tutiet, u fin-Naxxar hemm lok magħruf bħala Ta' Tuta.

Din il-frotta oriġinat fl-Asja tal-Punent, prinċipalment il-Persja, fejn hija msejħa bl-isem ta' "toot", u wisq probabbli li l-Feniċi kienu l-ewwel nies li xerrdu din is-siġra lejn pajjiżi oħra madwar il-Mediterran. L-isem Ingliż hu "Black Mulberry", filwaqt illi dak xjentifiku hu "Morus nigra". Hija membru tal-familja "Moraceae", li fiha nsibu wkoll iċ-ċawsli u t-tin.

## DESKRIZZJONI

Is-siġra tat-tut nikkusidraha bħala waħda mill-akbar siġar fil-gżejjer tagħna. Mhux mill-għoli, għax tikber biss sa 30 pied, iżda mill-wisgħa għax ħafna friegħi jimteddu u jitmattru, tant illi fil-passat kien hawn tut li jgħatti tomna raba'. Hija siġra ħorfija, li tinża' fix-xitwa u tarma tard fir-rebbiegħa. Kapaċi tgħix għal mijiet ta' snin b'xi eżemplari li sirt naf bihom, naħseb illi anke jqarrbu l-elf sena! Il-fjuri huma żgħar ħafna u miġbura f'mazzijiet imdendla. Bl-Ingliż jissejħħ "catkins" u jidhru fuq il-friegħi tal-istess sena. Fl-istess mazz ikun hemm fjuri rġiel u fjuri nisa, u d-dakra ssir permezz tar-riħ.

Il-weraq għandhom forma ta' qalb; bil-ġnub ippizzjati, bil-wiċċ raff u muswaf u b'kulur aħdar skur. Dan b'differenza minn dawk taċ-ċawsli li huma rqaq, lixxi u b'kulur aħdar ċar. Il-friegħi huma twal u b'għejjun kbar u mqabbżin.

Il-frotta tixbaħ ħafna lil dik tal-Għollieq u hija frotta magħmula minn ħafna frottiet żgħar, imrassin kollha flimkien u b'żerriegħa waħda. Bl-Ingliż hija magħrufa bħala "sorosium". Il-kulur ivarja minn aħmar karg sa iswed, b'meraq ħamrani li fejn jaqa' jtebba'. Jekk il-frotta titħalla timmatura kif suppost, ikun fiha għaxqa bit-tjubija tagħha bejn ħelu fil-qares. Il-frott jibda jinqata' mill-aħħar ta' Mejju u jtul sa Awwissu. Hija waħda mill-iktar siġar illi ndumu ngawdu l-frott minnha.

## AMBJENT

Is-siġra tat-tut tħobb art friska u ħamrija fonda, u postijiet bħal dawn ġeneralment insibuhom fil-qigħan tal-widien, taħt sisien u rdumijiet. F'postijiet bħal dawn tikber malajr u tagħti frott mal-ewwel snin li titħawwel. Ma tikkonfondix mix-xemx u mill-irjieħat qawwija, għalkemm dawn tal-aħħar ħafna drabi jikkaġunaw ħsara fil-friegħi l-kbar.

## TNISSIL

It-tnissil jista' jsir bit-tirqid, wara li wieħed jagħmel qatgħa fil-ġenb ta' fergħa twila, li mbagħad tintradam. Fix-xitwa l-fergħa mraqqda tista' tinqata' minn mal-fergħa omm u titħawwel f'post ieħor. Mezz ieħor huwa bil-biċċiet ta' madwar pied li jinqatgħu u jitħawlu f'post kenni u delli, li wieħed jista' jsaqqi b'mod regolari. Mod ieħor ipprattikat fil-Mixtla tal-Gvern ta' San Vinċenz, huwa dak bit-tilqima tal-għajn fuq ċawsli mkabbar miż-żerriegħa. Ix-xitel imnissel b'dan il-metodu jrid jitħawwel tant fond illi t-tilqima tispiċċa taħt wiċċ il-ħamrija. B'hekk niżguraw li tkun it-tilqima li biż-żmien tibda tikber fuq għeruqha.

## KURA

Ix-xitel tat-tut ma tantx ibati biex jaqbad, iżda matul l-ewwel sentejn ikun irid tisqija tajba regolari fil-ġimgħa, u xi kultant għandna ngħinuh bi ftit fertilizzant ibbilanċjat. Ma rridux ninsew li dawn huma siġar kabbarin u għalhekk għandhom jitħawlu f'distanza ta' mill-anqas għoxrin pied minn siġar oħra.

Iż-żabra trid issir fix-xitwa meta s-siġra tat-tut tinża' mill-weraq, billi jitneħħew dawk nexfin u ffullati. Friegħi immattrin iżżejjed għandna nnaqqsulhom mit-tul u mill-piż ta' ħafna friegħi żgħar. Il-qatgħat għandhom jinżebgħu bil-qatran biex l-injama li hija ratba ma ssewwisx. Għandna noqogħdu attenti għas-Susa tal-Qrun Twil tat-Tut, "Phryneta leprosa fabricus", susa li sfortunatament iddaħħlet Malta ma' zkuk kbar impurtati mill-Afrika Ċentrali u li għamlet ħerba mit-tut tagħna. Għalkemm dan l-aħħar jidher li din is-susa naqset forsi għax in-natura sabet rimedju jew kontroll bijoloġiku, wieħed għandu dejjem jgħasses għal tbajja' skuri li jidhru fiz-zokk u l-friegħi prinċipali. Dawn it-tbajja' huma riżultat tal-meraq li titlef is-siġra, fejn id-dudu tas-susa jkun qiekol u jimmina. Il-kontroll isir permezz ta' insettiċida sistemiku, jew billi wieħed jgħawwar b'turnavit sakemm isib id-dudu.

Fejn is-siġra tkun tant marret lura, wieħed għandu jaddotta rimedju radikali u jaħsad is-siġra sa wiċċ il-ħamrija, u jaħraq kemm iz-zokk kif ukoll il-friegħi maqtugħa. Għandu mbagħad isaqqi tajjeb u ta' spiss madwar iz-zokk sabiex jgħin lis-siġra terġa' ttella' friegħi godda mill-għeruq.

L-art ta' madwar is-siġra ma għandha tinħarat qatt għax l-għeruq iħobbu jiġru fil-wiċċ u ssirilhom il-ħsara.

## ASPETTI MEDIĊINALI

Il-frott huwa lassattiv, filwaqt illi l-weraq jistgħu jitpoġġew fuq ġrieħi biex titnaqqas xi infezzjoni, kif ukoll jitgħallew u l-meraq jinxtorob kontra l-influwenza u / jew biex ibaxxi z-zokkor. Dekott magħmul mill-friegħi jgħin biex inaqqas il-pressjoni għolja tad-demm u kontra r-rawmatiżmi.

## VALUR NUTRIZZJONALI

Hija frotta li fiha ammont konsiderevoli ta' vitamina C u ħafna mill-vitamini tal-kumpless B, kif ukoll ħafna mill-minerali tant bżonjużi għal ġisimna.

## VARJETATJIET

Minn tiftix li għamel l-awtur jidher li l-aktar varjetà komuni hija dik magħrufa bħala t-tut iswed jew Żabbari. Il-frott ta' din il-varjetà huwa twil madwar erba' ċentimetri u oħxon żewġ ċentimetri. Hemm varjetà oħra li bħala siġra hija anqas kabbarija, bi friegħi irqaq u frott iżgħar li nsibuh f'mazzi ta' tlieta u anki iżjed. Varjetà oħra li ma tantx hija komuni u li tixbaħ lil tal-ewwel hi dik li tagħmel frott ħelu immens tant illi minnha jagħmlu likur b'togħma speċjali. Nitlob lil min għandu xi siġra tat-tut bi frott speċjali fid-daqs, togħma jew perjodu ta' sajran li jikkuntattjana fuq 22921278.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Carmelo Briffa, Uffiċjal Agrikolu Anzjan fi ħdan id-Direttorat għall-Kompetizzjoni u d-Diversifikazzjoni*
*Ritratt - Carmelo Briffa*

# ROKNA GĦAT-TFAL

Claire Cauchi

## IL-FRIEFET LI NSIBU FIL-KAMPANJA MALTIJA

Ritratti: Emanuel Cauchi

Min jaf kemm intom ferħanin issa li waslu l-vaganzi tfal! Gawduhom u attenti li ma tweġġgħux u li ma tagħmlu l-ebda ħsara lin-natura u lill-annimali. Fir-rokna ta' din il-ħarġa se nitkellmu fuq ftit mill-friefet li nsibu fil-kampanja Maltija. Il-friefet huma fost l-iktar insetti favoriti tagħna t-tfal għaliex fihom ħafna kuluri sbieħ u jsebbħu l-ġonna meta narawhom itiru fuq il-fjuri!

## IL-FARFETT TAL-FEJĠEL

Dan il-farfett huwa magħruf b'ħafna ismijiet minbarra dak tat-titlu: il-farfett tar-reġina, il-farfett tal-bużbież u anke l-farfett tal-lira. L-isem xjentifiku tiegħu wkoll juri li huwa razza Maltija: Papilio machaon melitensis, bil-kelma "melitensis" turi li huwa Malti. Sa ftit snin ilu kont issibu spiss fil-kampanja Maltija, iżda llum għalkemm mhux rari, m'għadux daqshekk komuni.

Il-Farfett tal-fejġel huwa ta' lewn iswed bl-isfar u fih ukoll ftit blu` u żewġ tikek ħomor. Il-ġwienaħ tiegħu jikbru bejn tmienja u għaxar ċentimetri, u dan jagħmluh l-ikbar farfett tal-Gżejjer Maltin. Il-ġwienaħ ta' wara huma iktar tawwalin, u eżatt taħt kull ġewnaħ wieħed isib it-tikka l-ħamra. Dan il-farfett jgħix għal madwar għoxrin ġurnata, li matulhom il-mara tbid il-bajd fuq il-fjuri tal-fejġel u l-bużbież. L-iktar żmien komuni li tarah huwa bejn Frar u Novembru.

Fl-1976 dan il-farfett tnaqqax fuq il-munita tad-deheb tal-għaxar liri u huwa minn hemm li ħa l-laqam "Tal-Lira". Insibuh ukoll fuq l-arma tal-mużew nazzjonali tal-istorja naturali.



## Il-farfett tal-ħurrieq

Dan il-farfett huwa komuni ħafna u narawh spiss fil-kampanja jdur fuq il-lantana. Bħal kull farfett ieħor jgħaddi minn metamorfosi u jgħaddi minn erba' stadji fil-ħajja tiegħu, li huma bajda, larva, pupa u farfett. L-isem Malti ngħatalu għaliex l-ikel favorit tiegħu huwa propju l-ħurrieq. Il-kobor tiegħu jvarja bejn 5.8 ċentimetri sa 7.6 ċentimetri, u l-mara hija kemxejn ikbar mir-raġel.

## IL-FARFETT TAL-KABOĊĊI



Il-farfett tal-kaboċċi huwa l-iktar farfett komuni li nsibu fil-Gżejjer Maltin. Narawh l-iktar fil-kampanja bejn Frar u Novembru. Il-ġwienaħ tiegħu huma bojod bit-tikek suwed u ftit isfar taħt il-ġwienaħ. Il-mara jkollha żewġ tikek fuq kull naħa, filwaqt illi r-raġel ikollu waħda fuq kull ġewnaħ. Dan il-farfett idakkar ħafna fjuri u dan għaliex l-ikel tiegħu huwa propju n-nektar li jinsab ġol-fjuri.

## IL-FARFETT TAX-XEWK

Il-farfett tax-xewk jiftaħ il-ġwienaħ bejn madwar tnejn jew tliet pulzieri. Huwa ta' lewn oranġjo bl-iswed u fil-ponta tal-ġwienaħ għandu tikek bojod. Dan il-farfett insibuh mifrux mal-kontinenti kollha, apparti l-Awstralja u l-Antartika, u jippreferi spazji miftuħa bħal parks u għelieqi. Bħall-friefet l-oħra jgħix billi jiekol in-nektar. Il-ħajja tiegħu tibda billi l-farfett mara tbid bajd ta' lewn aħdar ċar fuq il-pjanti. Dawn ifaqqsu wara erbat' ijiem u joħroġ dudu ta' lewn vjola fl-iswed b'linji sofor u ħodor u miksi b'qisu xewk. Bejn ħames u għaxart' ijiem wara jifforma pupa, u wara għaxart ijiem isir farfett.

Irbaħ ktieb gentilment mogħti mingħand " Merlin Library" billi twieġeb din il-mistoqsija:

**Kemm il-stadju fiha l-ħajja tal-farfett? Tista' semmi liema huma?**

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom flimkien mal-isem u l-kunjom, id-data tat-twelid, l-indirizz tad-dar, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefown lill-Kompetizzjoni Nisġet Artna, Taqsima Festi Rurali Centru ta' Riċerka u l-Iżvilupp L-Għammieri, Triq l-Ingiered, Il-Marsa, MRS 3303.

It-tweġibiet tagħkom għandhom jaslu sat-18 ta' Lulju 2016. Din il-kompetizzjoni hija miftuħa għal tfal mhux akbar minn 12 -il sena.

Ir-rebbieħa tal-edizzjoni li għaddiet kienet Rebekkah Marmara' Gafa'.

merlin library

# RIĊETTI

MIĠBURA MINN ANDREW FARRUGIA LETTUR FL-ISTITUT TAL-ISTUDJI TURISTIĊI

## XARBA FRISKA BID-DULLIEGĦ



| | |
|---|---|
| 20ml | ĠULEPP TAR-RUMMIEN (GRENADINE) |
| 200ml | "CRANBERRY JUICE" |
| ½ | NOFS DULLIEGĦA MINGĦAJR ŻERRIEGĦA |
| 10ml | L-'KIRSCH' |

### METODU

Neħħi ż-żerriegħa mid-dulliegħa u itfa d-dulliegħa fi "blender".

Żid il-"juice" u l ġulepp tar-rummien u ħallat. Jekk tridu tistgħu żżidu l Kirsch, iżda jekk ser isservu lit-tfal tistgħu żżidu ftit "raspberry syrup" minflok.

Itfa' s-silġ ġo tazza u imla bix xarba.

Żejjen bi flieli żgħar tad-dulliegħ.

## BETTIEĦ BIL-ĠELATINA



### METODU

Aqsam bettieħa żgħira min-nofs u neħħi l-qalba tal-frotta. Ittaqqabx il-qoxra.

Qatta'l-frott f'biċċiet żgħar.

Ġo kontenitur ipprepara daqs nofs litru ġelatina tal-larinġ, u jekk trid tista' żżid miegħu ftit xorb alkoħoliku tal bettieħ jew larinġ.

Tista' żżidu ftit nagħnieħ imqatta' rqiq jekk tiggustah.

Erġa' poġġi l-frott imqatta' fil-qoxra u imla bil-ġelatina.

Poġġi fil-friġġ għal xi sagħtejn jew sakemm jagħqad sew.

Qatta' fi tlieta jew erba' flieli u servi. Jekk trid tista' tuża kwalunkwe frott ieħor sabiex timla.

# SAJF FUQ ŻEWĠT ISJUF

## DIĦLIN GĦAS-SAJF WARA LI KELLNA ŻEWĠT ISJUF. FIN-NUQQAS TA' XITA LI KELLNA DIN IS-SENA, IX-XITWA LI GĦADDIET TISTA' TGĦID LI KIENET SAJF!

Bosta nies fuq fommhom bdew isostnu l-istess ħaġa:"f'kemm għandi żmien qatt ma niftakar sena niexfa bħal din!" Fil-fatt, l-aħħar li kellna sena xotta bħal din kien fl-1947, disgħa u sittin sena ilu. Min hu mdaħħal sewwa fiż-żmien jiftakar li xi snin wara t-Tieni Gwerra Dinjija, il-Gżejjer Maltin esperjenzaw sena niexfa straordinarja bħalma esperjenzajna din is-sena.

Kultant żmien ikollna xitwa ftit xotta, fejn il-kampanja u l-biedja jħossu l-impatt tan-nixfa fuqhom. Iżda din is-sena, in-nixfa ħakmet b'mod fenomenali, fejn il-ftit xita li niżlet baqgħet fil-wiċċ, u biex jiżdied il-melħ fuq il-ferita, ir-riħ illi ddomina ħafna mill-ġranet kompla nixxef dan il-ftit ilma, u b'hekk kompla għen sabiex titkattar din in-nixfa tremenda.

Normalment, f'xitwa tipika jkollna xita abbundanti, fejn l-ilma jinxtorob fil-ħamrija u jinżel 'l isfel sakemm jasal sa fuq wiċċ il-blat. Il-pori kollha tal-ħamrija jimtlew bl-ilma u jibqa' jservi biex jixorbu l-ħxejjex u l-pjanti għal tul ta' żmien. Dan jiddependi ħafna fuq l-għamla u l-istruttura tal-ħamrija. Raba' tafli jżomm aktar ilma għax fih ħafna pori rqaq, filwaqt illi ħamrija ramlija żżomm anqas ilma minħabba li fiha inqas pori li jkunu akbar fid-daqs. Aktar kemm il-ħamrija jkollha struttura tajba, jiġifieri tkun maħduma sew, l-ammont ta' pori jkun akbar u l-ilma jibqa' jservi lis-siġar u l-ħxejjex aktar fit-tul. Dari, ħafna mill-frott u l-ħxejjex tas-sajf kienu jiddependu fuq dan l-ilma hekk imsejjaħ ilma tat-tira.

Din is-sena l-ħamrija ma xorbot xejn, u għalhekk m'hemmx tira. Sabiex wieħed ikabbar u jlaħħaq il-prodotti tiegħu jrid bilfors isaqqi bl-ilma tal-ispejjer għax il-bjar, il-ġwiebi u l-iskontri fil-widien baqgħu vojta wkoll. Fin-nuqqas tat-tira, it-tisqija trid issir aktar spiss u aktar fl-ammont minħabba li n-nixfa li jkun hemm fil-fond tal-ħamrija tiġbed l-ilma tal-wiċċ. Dan l-ammont ta' ilma mtella' mill-ispejjer, aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed jonqos fil-kwalità.

Il-problema tan-nixfa ta' din is-sena tolqot lil kulħadd, u hija ikbar milli wieħed jaħseb. Il-produzzjoni tal-magħlef għall-bhejjem li ssir fil-biċċa l-kbira tar-raba' ta' Malta u Għawdex, tiddependi biss fuq l-ilma tax-xita. Il-qamħ, is-silla u l-felu, f'ċerti postijiet kiber biss bi ftit ċentimetri, tant illi ma jistax jinġabar. Is-siġar tal-frott irqiq u d-dwieli, fejn is-soltu jkunu ġo art mimlija bl-ilma, din is-sena baqgħu qoxqox u l-ħamrija maħruta ġiet qisha smid niexef. Min għandu xi spiera saqqiehom mill-ewwel, iżda r-rimi l-ġdid ftit li xejn ħareġ sfurzat. Il-ġonna u l-ġraden u l-lariġ ta' ġo fihom ukoll batew ħafna, u min ma saqqiex għad irid jara l-effett negattiv fuq il-frott.

Il-kampanja, ix-xagħri u l-widien ukoll baqgħu lura. Il-ħaxix selvaġġ ftit li xejn kiber, u warrad mill-anqas. Dan ħalla impatt negattiv fuq ħlejjaq oħra. In-naħal kien limitat ħafna minħabba li l-ftit fjuri li sab fir-rebbiegħa kienu xotti mill-meraq u x-xehed baqa' vojt mill-għasel. Mhux biss, iżda l-popolazzjoni tan-naħal fil-bejta baqgħet baxxa anke fl-istaġuni ta' wara. Is-sagħtar fix-xagħri, li tant huwa magħruf għall-għasel, ukoll jidher ċar illi mhux b'saħħtu. Sempliċi bebbuxu li jqum mir-raqda permezz tax-xita u jiekol mill-ħaxix li jsib, ukoll huwa skars ħafna, u l-ftit li nġabar ftit li xejn kien oħxon.

Issa li diħlin fis-sajf propju, meta jkollna temperaturi għoljin u n-nixfa tippersisti, is-sitwazzjoni tkompli teħżien. Xi wħud mir-riżultati wieħed jista' jbassarhom, iżda minħabba li xitwa bħal din li kellna hija rari ħafna, jista' jkun illi għad irridu niltaqgħu ma' effetti negattivi fil-biedja li qatt ma ltqajna magħhom qabel.



*Dan l-artiklu nkiteb minn Philip Camilleri, Uffiċjal Xjentifiku fi ħdan is-Sezzjoni Regolatorja.*

# IS-SISTEMA L-ĠDIDA TA' PAGAMENTI

Din is-sena se jiġu mnedija numru ta' skemi agri-ambjentali-klimatiċi għall-bdiewa u r-raħħala Maltin u Għawdxin, skemi li jiffurmaw parti mill-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020. F'din il-ħarġa se naraw x'għandhom jagħmlu bdiewa jew raħħala interessati sabiex japplikaw u jibdew jibbenefikaw mill-għajnuna pprovduta permezz ta' dawn l-iskemi.

## MIŻURI AGRI-AMBJENT-KLIMA (Miżura 10.1)

Il-Miżura 10.1, taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020, jinkludi l-iskemi li ġejjin

| | |
|---|---|
| SKEMA 1 | Miżura għall-kontroll ta' ħaxix ħażin fil-vinji u fl-imsaġar tal-frott permezz ta' metodi mekkaniċi, minflok kimiċi. |
| SKEMA 2 | Miżuri ta' manutenzjoni tas-siġar – manutenzjoni ta' speċi ta' siġar rakkomandati li jissostitwixxu speċi aljeni jew dawk imħawla biex jipprevjenu l-erożjoni tal-ħamrija u l-erożjoni mir-riħ. |
| SKEMA 3 | Għajnuna għall-introduzzjoni ta' kaxxi tan-naħal f'azjendi agrikoli. |
| SKEMA 4 | L-implimentazzjoni ta' pjanijiet għall-ġestjoni integrata ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara (IPM) fil-vinji u fil-ġonna tal-frott. |
| SKEMA 5 | L-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet għall-immaniġjar u l-konservazzjoni tal-ħamrija f'azjendi agrikoli. |
| SKEMA 6A | Għajnuna għall-integrazzjoni u l-konservazzjoni tat-Tiġieġa Sewda Maltija. |
| SKEMA 6B | Għajnuna għall-integrazzjoni u l-konservazzjoni tal-Gendus Malti. |
| SKEMA 6Ċ | Għajnuna għall-integrazzjoni u l-konservazzjoni tas-siġar tal-Ħarrub, tat-Tut u taċ-Ċawsli. |

### PERJODU TA' RIKJESTA

Il-perjodu ta' rikjesta għas-sena 2016 se jkun bejn Lulju u Awwissu (id-dati eżatti se jkunu mħabbra aktar 'il quddiem). Matul dan il-perjodu, kull min hu interessat f'dawn l-iskemi għandu jgħaddi sal-Front Office f'Ta' Qali sabiex jesprimi l-interess tiegħu u japplika.

Dan isir billi wieħed jippreżenta l-karta tal-identità tiegħu u jimla l-applikazzjoni rilevanti, bl-assistenza tal-istaff ġewwa l-"Front Office". Wara li din l-applikazzjoni tiġi pproċessata mill-Aġenzija għall-Pagamenti, l-Awtorità ta' Tmexxija tiffirma kuntratt bejnha u l- applikant fejn tiġi stipulata l-għajnuna finanzjarja li ser tingħata lill-benefiċjarji.

Huwa importanti li l-bdiewa jkunu jafu li jekk jibbenefikaw mill-għajnuna taħt dawn l-iskemi agri-ambjent-klima, se jkollhom jibqgħu jikkonformaw mal-obbligi għal perjodu ta' ħames snin. F'każ li dan ma jsirx, il-flus mogħtija jistgħu jiġu miġbura lura bi sħiħ mill-Aġenzija għall-Pagamenti.

### PROĊEDURA TA' PAGAMENT

Dawk il-bdiewa li jkunu ssottomettew il-kuntratt iffirmat, kull sena se jirċievu applikazzjoni mimlija bid-dettalji ta' dawk il-ħbula kkuntrattati għal raġunijiet ta' għajnuna. Għaldaqstant il-bdiewa se jkunu mitluba jivverifikaw id-dettalji stipulati f'din l-applikazzjoni u fit-talba għall-pagament.

Jekk il-benefiċjarju jaqbel mal-informazzjoni ppreżentata għandu jissottometti t-talba għall-pagament iffirmata sa mhux aktar tard mill-15 ta' Mejju. Jekk tinqabeż din id-data jistgħu jiġu applikati penalitajiet. Talbiet għall-pagament sottomessi wara d-9 ta' Ġunju mhumiex se jkunu aċċettati. Sabiex dan il-kuntratt ma jinkisirx il-bdiewa li japplikaw għal dawn il-miżuri huma obbligati li jattendu kors ta' taħriġ offrut mingħajr ħlas taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali, kif ukoll servizz ta' konsulenza rilevanti, fi żmien sentejn mill-iffirmar tal-Kuntratt.

L-Aġenzija għall-Pagamenti kull sena twettaq kontrolli fuq is-sit fuq numru ta' benefiċjarji. Hekk kif dawn il-kontrolli jkunu magħluqin, il-pagament dovut lill-benefiċjarji jkun effettwat direttament fil-kont bankarju indikat fl-applikazzjoni.

Għal aktar informazzjoni dwar dawn l-iskemi wieħed jista' jikkonsulta l-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020 (Kapitolu 8, Miżura 10.1), jew il-linji gwida rilevanti.

**Din id-dokumentazzjoni hija disponibbli fuq is-sit tal-Awtorità ta' Ġestjoni**

*Dan l-artiklu nkiteb minn Malcolm Vassallo, Senior Manager Agriculture & Rural Payments- EU Internal & External communication*

## TISQIJA

F'dawn iċ-ċirkostanzi tajjeb li wieħed jagħti kas u nibdew naħsbu kif din is-sena u fis-snin li ġejjin nikkonservaw l-ilma. Min ma għandux sors ta' ilma bl-abbundanza u ta' kwalità tajba għandu joqgħod lura minn taħwil żejjed u bla bżonn. Min għandu xi nixxiegħa jew għajn tal-ilma tajjeb li jiġbor u jaħżen minnu kemm jista'. Min għandu xi spiera jew toqba tajjeb li jtella' b'mod meqjus biex ma jħażżinx is-sors. L-istess għal min għandu sors qrib il-baħar. Dan għandu joqgħod attent li ma jiġbidx ilma salmastru. Min għandu ħażna bħal ġwiebi u ġibjuni miftuħa għandu jara kif jifrex għata ħalli jnaqqas it-telf b'kawża tal-evaporazzjoni qawwija matul il-ġranet twal u sħan tas-sajf. Min għandu xi bir mimli bl-ilma tax-xita f'daru, għandu jżidu malli jonqos bin-nofs, sabiex b'hekk l-ilma li jinxtara, li ġeneralment ikun ta' kwalità inferjuri jitħallat ma' tax-xita. B'dan il-mod niżguraw illi s-siġar u l-pjanti tagħna ma jsofrux minn kedda kkawżata minn bidla drastika fil-kwalità tal-ilma. Min ma għandu l-ebda sors ta' ilma, tajjeb illi jaħseb għal wieħed anki jekk b'mod temporanju, permezz ta' tankijiet u kontenituri kbar tal-plastik jew fajber.

Strument utli ħafna huwa dak illi jkejjel l-imluħa fl-ilma u li jippermettilna nittestjaw l-ilma tagħna u dak li nixtru.

Nenfasizza tisqija bikrija u regolari tas-siġar tal-frott, u ta' kuljum jew kull jumejn tal-ħxelejjel, fjuri u pjanti ornamentali oħra. Huwa tajjeb li taddottaw is-suġġerimenti rigward it-tisqija mogħtija fl-artiklu tal-ħarġa preċedenti.

## TIDMIL U FERTILIZZAZZJONI

Fiċ-ċirkostanzi, l-aħjar li wieħed jista' japplika l-fertilizzanti huwa permezz ta' fertilizzanti li jitħalltu mal-ilma u li jinħallu malajr. Dawn jistgħu jingħataw bil-barmil wara li nkunu saqqejna, u mhux qabel għax inkella l-fertilizzanti jiġu maħsula 'l isfel fejn l-għeruq ma jilħquhomx. Dawk li għandhom sistemi ta' tisqija bil-qattara jistgħu jpoġġu mgħarfa fertilizzant ħdejn il-qattara. Mezz ieħor huwa li jkollok tank ħdejn il-fergħa prinċipali tal-ilma li fih tħallat il-fertilizzant u tintroduċih fis-sistema. Fejn ikollok sistema estensiva, l-aħjar li żżid xi sustanza tal-ħadid jew kulur biex tinduna li l-fertilizzant wasal fejn kellu jasal.

Id-demel naturali jgħin biex intejbu l-fertilità tal-ħamrija tagħna u dan huwa l-aħjar żmien biex inferrxu d-demel naturali jew tal-annimali. Dan għandu jinħarat minnufih.

# XOG

# FIS-S

Dak li ppronostikajna fl-aħħar ħarġa seħh
tiggrava, ir-riħ xi drabi kien jonfoħ għal gr
ta' rieħnu. It-temperaturi sħan u ogħla mis
il-prodotti tar-raba' laħqu f'daqqa u qabe
ta' ħafna prodotti, b'telf għall-bidwi u gwa

## XOGĦOL FIR-RABA' U FIL-ĠNIEN

Bl-eċċezzjoni taż-żebbuġ, min għandu s-siġar tal-frott u d-dwieli għandu jaħrathom malajr kemm jista' jkun. Il-ħart jeqred il-ħaxix ħażin u joħloq saff ta' ħamrija miftuħa li tgħin biex iżżomm l-umdità. Fejn naraw li s-siġar tal-frott u d-dwieli tagħna huma mgħobbija bil-frott, tajjeb illi nneħħu l-frott żejjed u b'hekk ukoll inkunu qed inaqqsu l-ħtiġijiet tal-pjanta għall-ilma.

Id-dwieli għmielhom imattru ż-żragen tagħhom, u jkun hemm bżonn li nirfduhom jekk mitluqin mal-art, jew li norbtuhom mal-wajer. Nirmundaw il-friegħi li joħorġu miz-zokk prinċipali, u xhin l-għenieqed jgħaqqdu rridu nnaqqsu l-weraq żejda minn madwar l-għenieqed ħalli nagħtu l-arja u d-dawl, u niżguraw li l-bexx jilħaq sew l-għenqud. Aktar tard irridu nqassru l-friegħi twal u nħallu biżżejjed weraq biex l-għenieqed iħaxxnu.

Fis-siġar tal-frott għandna bl-istess mod inneħħu għalkollox l-ibgħal illi jfiġġ minn taħt it-tilqima. Dan irridu nagħmluh kemm-il darba fuq siġar li nkunu għadna kemm laqqamna. Wieħed jista' jibda ż-żabra tas-siġar taċ-ċitru u tal-ħarrub, u siġar tropikali bħal naspli u avokado. Siġar u arbuxxelli oħra nistgħu nżbruhom ħafif sabiex nagħtuhom il-forma u nikkontrollaw il-kobor tagħhom.

Il-bidu tas-sajf huwa ż-żmien li tlaqqam bil-għajn ix-xitel tat-tin, frott irqiq, naspli, żebbuġ u ċitru. Jekk irridu li nibdlu l-varjetà tas-siġar taż-żebbuġ u taċ-ċitru, u s-siġar huma kbar, allura wieħed irid jipprattika tilqim magħruf bħala tilqim bil-kuruna.

Fil-ġnien ħawwel il-fjuri tas-sajf, bħaż-żinji, krisantemi, tagates (Qronfol Tork), u ward tax-xemx u dalji. Dawn tal-aħħar iridu ħafna ilma. Aqla' u igbor il-basal, tuberi u ġdur tal-fjuri li issa nixfu u aħżnuhom f'post frisk u xott, f'kaxxi mgħottija bit-tiben. F'dan iż-żmien wieħed jista' jaqta' u jħawwel il-biċċiet tal-olejandru, ibiskus, ġiżimin, dianthus (qronfol), pelargonju, sardinell u kamelji. F'Awwissu niżirgħu ż-żerriegħa tal-fjuri bħal ġiżi, kalendula u papoċċi. Matul is-sajf tista' tiżra' ż-żerriegħa tal-ħass, pastard, kaboċċi, ġidra tas-sajf, brokkli, kaboċċi taż-zokk, pitravi, spinaċi, tadam tal-qasab, qara bagħli, bużbież, fażola ħadra, u karrotti. Tard fis-sajf ħawn min jiżra' t-tewm, il-kurrat, il-basal, il-ful, il-fiġel, ir-ravanell, it-tursin u l-karfus. Aqla' l-artiċoks, u l-qaqoċċ tas-sena ta' qabel, ofroq u ħawwel f'post ġdid. Aħsbu biex tħawlu l-patata tax-xitwa u s-silla.

## KONTROLL TAL-MARD

It-temperaturi għoljin u l-irjieħ kontinwi jgħinu biex jonqos il-mard speċjalment tal-moħof u taħsir. L-attenzjoni u l-azzjoni f'waqtha hija l-qofol ta' kontroll tajjeb tal-mard. Hekk, irridu b'mod regolari neżaminaw is-siġar, id-dwieli, l-għelejjel u l-fjuri tagħna, u jekk ninnutaw xi marda għandna nieħdu azzjoni immedjata u mhux inħallu l-kawża tikber u taħarbilna minn idejna, tant illi jkollna nużaw bexx qawwi iżjed u li jiswa aktar. Mezzi ta' monitoraġġ jeżistu wkoll, u għalhekk bdiewa li jkabbru l-frott għandhom ifittxu aktar tagħrif. Fuq id-dwieli, l-aktar mard li niltaqgħu miegħu bħalissa huwa l-peronospera, il-mell dqieqi, il-moffa l-griża, il-ħanfusa ħadra, u s-susa tal-frott tad-dwieli. Fuq iċ-ċitru nsibu l-mistka, l-iċerja, id-dubbiena l-bajda u s-susa tal-weraq. Fuq il-lanġas, it-tuffieħ u l-isfarġel insibu l-psilla, il-miskta, id-dubbiena tal-frott, is-susa tal-lanġas, is-susa tat-tuffieħ (codling moth), u s-susa tal-ħawħ. Din tal-aħħar issibha fuq is-siġar kollha tal-frott tal-għadma u taż-żerriegħa u nindunaw biha meta naraw iċ-ċana madwar iz-zokk, speċjalment għall-bidu tas-sajf. Fuq il-ħawħ u frott irqiq ieħor insibu l-miskta, il-brieghed u d-dubbiena tal-frott. Fuq it-tin insibu l-miskta, id-dubbiena tat-tin li pront tattakka malli l-ward jibda jidher, u l-marda qerrieda tas-susa rqiqa taz-zokk tat-tin. Fuq iż-żebbuġ insibu l-miskta u d-dubbiena taż-żebbuġ. Fuq il-bħajra noqogħdu attenti għall-mell dqieqi, is-sadid, it-taħsir tal-għeruq, il-ħurrieq (red spider) u l-briegħed. Nipproteġu l-kromb mill-farfett l-abjad il-kbir, u nikkontrollaw jekk il-patata maħżuna hix mimsusa bis-susa tal-patata. Nipproteġu t-tadam kontra l-mell dqieqi u s-susa tad-tadam. Flaġell ieħor li daħal f'pajjiżna hija n-nemla tal-Arġentina, jew in-nemla s-sewda li tagħmel bejtiet kbar u ħafna dannu fis-siġar għax tgħix fuq kollox. Il-kontroll għandu jkun permezz tan-nar jew ta' insettiċidi tat-trab li jitferrex madwar il-bejtiet.

## TAĦWIL TA' SIĠAR

It-taħwil ta' siġar ġodda, bl-eċċezzjoni tal-bajtar tax-xewk u x-xitel tal-banana, għandna nħalluh għall-istaġun li jmiss, bit-tama li jkollna staġun tal-ħarifa u xitwa aktar milwiema. Qabel inħawlu l-friegħi tal-bajtar tax-xewk, għandna npoġġuhom għal ġimagħtejn f'post għad-dell biex il-ferita tagħlaq. Wara għandna nordmu nofs il-pala ta' taħt fil-ħamrija u nagħtuha żewġt ibramel ilma. Jekk il-friegħi imilu 'l isfel inwaqqfuhom bl-għajnuna ta' ġebla kbira jew tnejn.

ĦOL

SAJF

...u kellna xitwa xotta għalkollox. Biex l-affari ...anet sħaħ u ta' spiss kien jilħaq anki qawwa ...-soltu kellhom effett negattiv għax ... iż-żmien. Dan ikkaġuna waqgħa fil-prezz ...adann għall-konsumatur.

## KONSERVAZZJONI U UŻU TAJJEB TAL-ILMA

Il-problema ta' nuqqas ta' ilma mhix il-problema tal-lum. Iżda filwaqt illi missirijietna bil-għaqal ħasbu biex jaħżnu dak l-ilma kollu li tipprovdilna s-sema, illum tgħażżinna għax insidu l-kumdità tal-ilma tal-vit jew tat-toqba. Jidher biċ-ċar illi l-problema tal-ilma ser tkun waħda rikorrenti u li tista' tiggrava fis-snin li ġejjin. Għalhekk irridu naħsbu kif ser innaqqsu u nutilizzaw tajjeb l-ilma tagħna. Dan isir billi ma ninsewx illi pajjiżna jaqa' f'żona definita bħala semi-arida. Meta nixtru u nħawlu siġar, fjuri u pjanti ornamentali fil-ġonna tagħna rridu nillimitaw ruħna għal speċi li jkunu addattati għall-klima Mediterranja. Speċi tropikali mhumiex posthom fil-ġonna tagħna, u l-għażla tagħna għandha taqa' fuq kakti, pjanti mlaħħma, pjanti lokali u indiġeni li jikbru fil-kampanja tagħna, jew pjanti li ġejjin minn reġjuni bl-istess klima.

Mezz effikaċi biex innaqqsu t-telf ta' umdità mill-wiċċ tal-qsari u tal-ħamrija huwa li nużaw il-"mulch", jew friex. Fil-qsari, l-aħjar li wieħed juża huwa l-ġebel, iċ-ċagħak, iċ-ċaqquf, u ż-żrar ta' daqs ta' pulzier jew aktar. Minħabba li dan il-materjal għandu ċertu piż, jibqa' fil-post kull meta nsaqqu. Għall-għelejjel, il-bdiewa draw jużaw il-plastik iswed, illi wieħed irid bilfors jgħaddi l-pajpijiet tat-tisqija minn taħtu qabel ma nordmulu l-ġnub. Fil-ġonna u madwar is-siġar wieħed jista' jferrex il-biċċiet imqatta' taz-zkuk, friegħi u fdalijiet oħra tal-għalqa jew tal-ġnien. Dan huwa mod faċli kif wieħed juża materjal illi s-soltu narmu jew naħarqu. Dan il-materjal imqatta' bċejjeċ, barra milli jżomm l-umdità taħtu huwa sors ta' materja organika u sustanzi oħra li jiġu merħija bil-mod hekk kif dan il-materjal jibda jiddekomponi. Benefiċċju ieħor huwa li joħnoq in-nebbiet tal-ħaxix ħażin li jikkompeti għall-ilma mal-pjanti tagħna u li jkollna ta' spiss neliminaw manwalment. Għalhekk tajjeb li kull min għandu xi għalqa jew ġnien jaħseb biex jixtri "shredder".

F'raba' miftuħ għall-irjieħat li jikkawżaw telf sostanzjali tal-umdità kemm mill-wiċċ tal-ħamrija u kemm mill-weraq tal-pjanti, wieħed għandu jdawwar l-għelieqi tiegħu bl-ilqugħ. F'Għawdex għandhom id-drawwa li jdawru l-għelieqi tagħhom bil-vdewwex, illi nxebbaħhom ma' purtieri weqfin tal-qasab, mod effikaċi biex titkisser u titnaqqas il-qawwa tar-riħ, iżda li f'Malta ftit li xejn nara bħalhom. L-użanza f'Malta hija li jħawlu siġar ta' daqs medju bħal taż-żebbuġ, rand, għargħar, ċipress, rummien, lewż u bajtar tax-xewk, u f'postijiet milquta mir-raxx tal-baħar jużaw il-bruka u l-bjanka jew il-qasab. Arbuxxelli oħra lokali li wieħed jista' juża huma r-riħan, il-klin, iż-żiju, l-alaternu u d-deru.

Dan l-artiklu nkiteb minn Carmelo Briffa, Uffiċjal Agrikolu Anzjan fid-Direttorat għad-Diversifikazzjoni u l-Kompetittività Rurali

# IT-TIĠIEĠA S-SEWDA MALTIJA

## It-Tieni Parti

Meta r-razza tat-tiġieġa ta' Malta laħqet il-kwalitajiet u l-karatteristiċi mixtieqa, inħolqot sezzjoni ġdida għalihom f'Wied Inċita, post fejn kienu bdew jitrabbew ġo qtajja' kbar għall-produzzjoni. Dawn it-tjur u anke bajd ingallat bdew jinbiegħu lin-nies biex jibdew jitferrxu madwar il-gżejjer tagħna u malajr kisbu l-popolarità. Dawn it-tiġiġiet kienu jbidu aktar minn 200 bajda f'sena, u s-sriedak kienu jlaħħqu aktar minn tliet kilogrammi f'piż, illi jfisser li oriġinarjament din ir-razza kienet meqjusa bħala "dual purpose".

Hija razza rustika u għalhekk mhijiex addatata għat-trobbija f'sistemi intensivi f'gaġeġ żgħar. U din kienet ir-raġuni li wara ċertu perjodu tilfet il-popolarità mar-raħħala lokali u nbidlet ma' razez illi huma kapaċi jitrabbew f'sistemi moderni u f'gaġeġ limitati u ffullati (intensivi).

Ir-razza rnexxielha tissopravivi sal-ġurnata tal-lum bħala razza ta' tjur għall-esebizzjoni. Peress illi bdiet issir għażla għall-ġmiel, ħafna mill-karatteristiċi produttivi tar-razza ma bdewx jiġu kkunsidrati u għalhekk intilfu matul iż-żminijiet. Infatti, l-awtur kien sab diskrepanzi konsiderevoli meta għamel eżerċizzju fuq il-popolazzjoni li kien hawn fl-2012, u qabbilha ma' kif kienet oriġinarjament. Dan kollu wassal għall-pubblikazzjoni fuq livell internazzjonali għall-istandard tar-razza f'Ġunju tal-2014 bil-kontribuzzjoni tal-istess awtur.

Attwalment, fl-Għammieri għaddej programm ta' riċerka bil-kollaborazzjoni tal-Università ta' Malta fuq ir-razza tat-tiġieġa ta' Malta. F'dan il-programm qegħdin jippruvaw jerġgħu jakkwistaw il-karatteristiċi oriġinali u produttivi tar-razza li ntilfu matul iż-żmien, biex b'hekk joħroġ il-potenzjal veru ta' din ir-razza.

**KWALITAJIET EKONOMIĊI**
Tjur nervużi u f'saħħithom, "Dual Purpose" razza tal-bajd u laħam, ma joqogħdux qrajjaq. Ibidu bajd oħxon (56 - 70 gramma) ta' lewn abjad. Kulur tal-ġilda abjad.

**DISKWILIFIKAZZJONI**
Aħmar fil-widnejn li jaqbeż aktar minn terz tal-widna kollha. Rix ta' kwalunkwe kulur li mhux iswed. Saqajn li mhumiex suwed jew ċombin. Rix fis-saqajn. Għalla ħoxna ħafna, u maqluba fis-sriedak. Dwiefer bojod.

**PIŻ**
Għattuqa: 2.0 kilogramma; Tiġieġa: 2.0 - 2.7 kilogramma Serduk mhux adult: 2.5 kilogramma; Serduk: 2.5 - 3.2 kilogramma

### GĦAMLA - SERDUK

**QAGĦDA**
Għoli, bieżel u kburi

**GĦALLA**
Singla; ta' qies medju, lixxa, dritta, wieqfa u soda. It-tarf ta' quddiem ma jaqbiżx il-munqar. Ħames ponot definiti u twal, ta' qies wieħed, li jibdew wisgħin minn taħt u jidjiequ lejn it-truf. Il-biċċa ta' wara ma tmissx l-għonq, mingħajr tikmix u ponot.

**MUNQAR**
Ta' tul medju, f'saħħtu, kemxejn mgħawweġ, ta' lewn il-qrun jew ċombi. Il-munqar ta' fuq jaqbeż il-munqar ta' taħt.

**WIĊĊ**
Magħmul lixx u fin, u mingħajr tikmix.

**GĦAJNEJN**
Kbar u prominenti. Oranġjo ħamrani.

**IMSIELET**
Twal, irqaq, fini, lixxi, mingħajr tikmix, għat-tond minn taħt.

**WIDNEJN**
Kbar, tondi, lixxi, bojod, u ċatti mal-wiċċ.

**RAS**
Moderatament tawwalija, fonda u proporzjonata, ċatta minn fuq.

**GĦONQ**
Kemxejn tawwali, imqammar, "hackle" abbundanti fir-rix li jibqa' nieżel sal-ispalel.

**DAHAR**
Wiesgħa aktar fin-naħa tal-ispalel, kemxejn tawwali, jaqleb lejn id-denb u moderatament wiesgħa matul it-tul kollu. Rix tad-dahar "saddle" twil u abbundanti.

**DENB**
Kbir u komplut, miftuħ sew. Jinżamm f'angolu ta' 45 grad mal-linja orizzontali, jew f'angolu ta' 80 - 90 grad mal-linja tad-dahar.

Rix prinċipali tad-denb "Main tail feathers" - wiesgħa u ffullat

"Sickles" - twal, indaqs u mgħawġin sew

"Coverts" – abbundanti

**ĠWIENAĦ**
Kbar, mitwija sew, li jinżammu 'l fuq mal-ġisem.
Primarji u sekondarji - wiesgħa u ffullati, li jinżammu f'ordni naturali meta l-ġwienaħ ikunu magħluqa.

**SIDER**
Wiesgħa u fond, fit-tond u jinżamm wieqaf. Għadma tas-sider dritta.

**ĠISEM U RIX TA' TAĦT**
Ġisem - tawwali, fit-tond, kemxejn wiesgħa aktar fuq quddiem
Rix ta' taħt – qasir

**SAQAJN U SWABA' TAS-SAQAJN**
Għoli fuq saqajh. Saqajn miżmuma mbiegħda minn xulxin, jidhru dritti minn quddiem

Koxox - ta' qies medju, kemxejn tawwalin. L-għaqda mal-qasba 'l isfel mil-linja taż-żaqq

Qasab tas-saqajn - fit-tond, f'saħħithom, irqaq, u bla rix

Swaba' tas-saqajn - erbgħa fuq kull sieq, twal, dritti u mbegħdin

*Dan l-artiklu nkiteb minn Philip Aquilina, Uffiċjal Agrikolu Anzjan fi ħdan is-Sezzjoni tal-Annimali.*

# GĦERF ĠENSNA

Is-Sliem fil-bidu ta' wieħed mill-istaġuni li minkejja l-għaraq u t-tidlik illi jġib miegħu, jibqa' wieħed mill-favoriti tiegħi minħabba l-festi diversi li norganizzaw aħna l-Maltin. Fl-għiduti li ħsibt sabiex norbot ma' dan l-istaġun se nerġa' – bla ma rrid – nintrabat mat-temp u mal-qaddisin. Kurjuż dan il-fatt illi ħafna mill-għajduti tagħna l-Maltin jintrabtu ma' dawn iż-żewġ elementi partikolari. Inżommu f'moħħna li fir-raba' ma kinux jeżistu kalendarji u arloġġi, u għalhekk saħansitra l-ħin tal-jum kien ikun ikkalkulat mill-pożizzjoni tax-xemx u mit-tokki tal-qniepen tal-knisja tal-lokal. Sal-lum għadna nirreferu għal xi ħinijiet bħall-"Pater Noster", l-"Ave Marija" u "tal-Imwiet", minkejja li ma tantx għadna nisimgħuhom jindaqqu. Barra minn hekk, iż-żminijiet, aktar milli d-dati, kienu jintrabtu ma' xi tifkira ta' qaddisin partikolari li f'pajjiżna huma popolari aktar minn oħrajn.

## IX-XITA F'SANT'ANNA BIKRIJA, JEKK TAGĦMEL BERAQ U RAGĦAD IKUN FIHA

Dan il-qawl juri żmien marbut mal-festa ta' Omm il-Madonna, in-Nanna ta' Ġesu` Bambin. Il-festa tagħha taħbat nhar is-26 ta' Lulju. Hemm festa ta' qaddisa oħra popolari viċin tagħha: Santa Marija Maddalena, imma Sant'Anna anke peress illi ġġib ċerta ammirazzjoni minħabba li marbuta mat-twelid ta' Kristu u l-Madonna, u minħabba li anke għandha parroċċa ddedikata għaliha, missirijietna rabtu lil din il-qaddisa ma' dan il-qawl. Stramb il-fatt ta' xita lejn tmiem Lulju. Ma tantx ħadt gost meta kont qrajtu, għax dik il-ġurnata taħbat jew fil-ġimgħa tal-festa jew il-ġimgħa ta' qabel tal-festa ta' raħal twelidi u nkunu fl-aqwa tax-xogħol tal-armar. Interessanti l-fatt illi missirijietna jorbtu l-maltempata ta' Sant'Anna mal-istaġun xitwi li jkun ġej u mhux ma' dak illi nkunu fih. Dan ninnutawh mill-kelma "bikrija", u dan minkejja l-fatt illi l-istaġun "tal-maltemp" huwa kkalkulat illi jibda mill-1 ta' Settembru, u għalhekk Sant'Anna taħbat fl-istaġun illi jkun beda f'Settembru ta' qabel. Kollox ma' kollox, mhix mistennija li tagħmel din il-maltempata, għax missirijietna kienu jgħidu "jekk tagħmel" u mhux "imwiegħda li tagħmel", imma jekk tagħmel, skont huma tkun maltempata kbira għax minbarra x-xita jkun mistenni fiha l-beraq u r-ragħad. Naturalment, min jifhem fit-temp jifhem illi din il-ħaġa tagħmel sens għax it-temp sħun u kiesaħ jitħalltu flimkien u joħolqu l-maltemp.

## F'TAL-VITORJA TAQLEB L-ORJA

Le mhux żball grammatikali! Naturalment il-kelma standard hija "l-arja" u mhux l-"orja". Dan il-qawl jingħad l-iktar mill-Għawdxin u għalhekk aktarx illi l-kelma "l-orja" hija varjazzjoni ġeografika; imma mhux hekk biss, ir-rima tgħin lill-bniedem jiftakar iktar, u għalhekk "l-orja" tirrima mal-kelma "vitorja" iktar minn kemm tirrima l-kelma "l-arja". Ara x'għerf kellhom missirijietna! Ma ħadu l-ebda għerf minfuq il-bankijiet tal-iskola imma kienu kapaċi jagħrfu l-fenomeni naturali, jorbtuhom b'xi mod jew ieħor - aktarx mat-twemmin - u jiftakruhom. Illum ma tantx għadna nistgħu naħsbu li fil-Vitorja taqleb l-arja, għax it-temp tħawwad sew. Il-maltempata ta' San Lawrenz tas-sena l-oħra m'aħniex se ninsewha malajr! Iktar u iktar għax ħasditna! Madankollu, il-Vitorja taħbat fil-bidu ta' Settembru, u għalkemm ikun għad fadal iktar sħana xi nġarrbu, f'dak iż-żmien, it-temp iħobb ikun xi ftit inkejjuż. F'dak iż-żmien nistennew xi maltempata kbira taħbat għalina. Niftakru fil-bidu ta' Settembru 2012 x'maltempati għamlu, l-istess is-sena l-oħra: kont qed indoqq in-Naxxar u l-purċissjoni tal-Bambina tqassritilha l-purċissjoni, filwaqt illi dik tax-Xagħra Għawdex daħlet kmieni minħabba l-maltemp.

Dan huwa dak illi ridt intella' għall-attenzjoni tal-qarrejja tagħna meta semmejt din ir-rokna "Għerf Ġensna" sabiex napprezzaw it-tradizzjonijiet illi ta' qabilna ħaddnu, tradizzjonijiet illi llum – bil-kumditajiet kollha li għandna – bla ma rridu – lanqas nagħtu kashom, madankollu għal mijiet ta' snin għenu lil ta' qabilna sabiex ikunu huma li jimxu man-natura u jobdu r-regoli tagħha b'mod illi rnexxielhom dejjem jgħixu bil-prodotti li huma stess kienu kapaċi jkabbru bil-għaraq ta' xbinhom. Is-sajf it-tajjeb u l-mistrieħ mistħoqq!

*Dan l-artiklu nkiteb minn Christopher Bonnici*









# IL-MASĠAR TAL-BUSKETT

Il-Buskett huwa sit klassifikat bħala Natura 2000. Huwa sit ta' Importanza għall-Komunità (SCI) u sew ta' Oqsma ta' Protezzjoni Speċjali (SPA) minħabba l-konċentrazzjoni ta' abitat ta' Annex I li huma meqjusa bħala uniċi fil-gżejjer Maltin. Il-boskijiet tal-Buskett jew "Boschetto" kif kien magħruf fl-imgħoddi, hu magħmul minn kważi 47 ettaru ta' bosk u jista' jitqies bħala bosk parzjalment modifikat (semi-engineered woodland) u huwa propjetà tal-Gvern ċentrali.

Dan l-artiklu qasir għandu l-għan ewlieni biex nifhmu aħjar il-ġrajja ta' ċerti rziezet li jinsabu fil-Buskett u nbnew f'perjodi differenti. M'ilux wisq illi ġew restawrati għall-istat oriġinali wara żmien twil ta' telqa. Dan l-artiklu għandu wkoll l-għan sabiex naraw u nifhmu aħjar kif l-għamla ta' dan il-bosk kienet miġbura u magħquda flimkien minn Gran Mastri differenti tal-Ordni ta' San Ġwann, illi b'hekk sawru dan il-masġar uniku kif jidher illum. Ħafna mill-informazzjoni storika nġabret minn sorsi oriġinali, manuskritti u pjanti li jmorru lura lejn bejn l-1625 u l-1655, 1770, 1866 u l-1919. L-enfasi prinċipali tinsab fuq it-tmexxija tal-Gran Mastru Giovanni Paolo Lascaris (1636-1657) Gran Mastru tal-Ordni Sovrana ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm f'Malta u kif deskritta fid-"Descrizzione di Monte Verdala col Boschetto", b'kitba ta' Fra Giovan Francesco Abela.

Il-Buskett (jew il Boschetto ) huwa prinċiparjament indikat fi pjanta oriġinali ta' żmien il-Kavallieri li tista' tkun datata bejn l-ewwel żminijiet tas-Seklu 17, u li huwa indikat bħala ġabra jew ħolqien ta' erbatax-il qasam ta' art.




Manuskritti tal-epoka juru li dan il-bosk jaf l-oriġini tiegħu l-aktar għall-Kavallieri ta' San Ġwann, speċjalment meta l-Gran Mastru de Vallette (1557-1568) bena dwejra żgħira għall-kaċċa fuq grotta bil-ħnejjiet u xi stalel fl-inħawi ta' Wied il-Luq. Fi żmien ieħor, twaqqfu binjiet ċentrali oħrajn. Dawn jinkludu l-palazz dominanti tal-Verdala, irziezet, ġibjuni, funtani u kanal għall-ilma.

Il-Palazz splendidu tal-Verdala u l-ġonna tal-madwar kienu mfassla u mibnija mill-Perit manjerista Gerolamo Cassarto. Dan il-kastell iffortifikat kien l-ewwel nett residenza sajfija, imma konvint li għal ħafna żmien wara ntuża l-iżjed bħala nħawi privati għall-kaċċa għal bosta Gran Mastri tal-Ordni. Huwa magħruf illi fil-Buskett, f'perjodu ta' iktar minn 200 sena li l-Kavallieri għamlu fil-Gżejjer Maltin, ġabu minn barra u ħawlu numru kbir ta' siġar tal-frott u speċi oħrajn indiġeni biex joħolqu l-ġonna u l-imsaġar kif bejn wieħed u ieħor nafuhom illum. Dan kien jeħtieġ ukoll il-kostruzzjoni ta' reċinzjoni għall-kaċċa, sistema kumplessa għat-tisqija, funtani u tankijiet għall-ħut tal-ilma ħelu. F'dan il-proċess, Wied il-Luq inbidel għall-aħħar.

### IRZIEZET RIĊENTAMENT IRRESTAWRATI IR-RAZZETT TAL-BAGĦAL, TAL-ISPIRTU, TAL-BOSK U TAL-GĦOROF

Id-dati preċiżi tal-kostruzzjoni ta' strutturi varji ġol-Buskett mhumiex ħaġa ħafifa sabiex ikunu magħrufa. L-istqarrija tal-perjodu ta' binja magħmula biss fuq bażi stilistika mhix biżżejjed u tista' ma tkunx preċiża. F'dan il-każ intużat kitba f'Descrizzione di Monte Verdala col Boschetto" ta' Fra G.F.Abela. F'din il-kitba jidher illi l-perjodu fejn inbnew xi rziezet jew strutturi jindika li jmur lura għal żmien il-Gran Mastru Lascaris (1636-1657). Il-Gran Mastru Verdalle (1581-1595) huwa msemmi bħala l-persuna li kkummissjona l-bini ta' Palazzo Verdala, residenza sajfija fil-Buskett. Pero' huwa ċert illi l-Gran Mastru Lascaris kabbar il-masġar estensiv. Fil-fatt huwa dokumentat ukoll illi kellu sehem qawwi fil-bini ta' ammont sostanzjali ta' kanali tal-ilma, funtani differenti, għadajjar u binjiet, fosthom tliet irziezet (ir-Razzett tal-Bagħal, tal-Ispirtu, tal-Bosk) *1.

Fil-fatt, id-daħla bi ħnejja li tieħdok għar-Razzett tal-Bagħal, fuq in-naħa ta' barra hija mżejna bl-istemma tal-Gran Mastru Lascaris (1636-1657). Għalkemm s'issa għadu ma nstab xejn konkret, jidher - mad-daqqa t'għajn - illi r-Razzett tal-Bosk huwa probabbilment tal-istess perjodu, imma bosta tiżwiq u bidliet oħra li saru f'dan il-bini aktar tard matul is-snin, l-aktar fis-Skeli 19 u 20. Min-naħa l-oħra, ir-Razzett tal-Għorof li jinsab fil-Buskett tefgħa ta' ġebla 'l bogħod miċ-Ċentru ta' Riċerka dwar l-Oenoloġija u l-Vitikultura, jinsab qalb bosk żgħir ta' siġar taż-żnuber, ċipress, rand, deru, kif ukoll numru kbir ta' siġar tal-ħarrub. Dan il-bini huwa muri fuq pjanti u manuskritti storiċi datati bejn is-17 u d-19-il seklu. Fil-bidu tas-Seklu 17, jiġifieri matul il-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann, huwa mfisser li dan ir-razzett kien iservi primarjament bħala residenza għall-ġardinara: "casa dei gardinieri" li, aktar tard fis-Seklu 19, intuża bħala sit għall-ħażna ta' għodod għall-agrikoltura.

***Dan l-artiklu nkiteb minn Emanuel Portelli Operations Manager Parks & Initiatives u maqlub għall-Malti minn Leslie Vassallo***

28-29 TA' ĠUNJU 2016

# L-Imnarja

## TRADIZZJONIJIET MALTIN MAL-MEDDA TAŻ-ŻMIEN

## FIL-ĠONNA TAL-BUSKETT




IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

TFR
TAQSIMA FESTI RURALI

1844 2013
Soċjetà Agrarja

SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

